ROYAL MALTA LIBRARY MELITENSIA MAIN LIB

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ DIĊEMBRU
L-AKKADEMJA TAL-MALTI 1964

# MONUMENTI F'ĠONNA PUBBLIĊI

*Kull min żar l-ibliet ta' barra minn Malta, fost ħwejjeġ oħra li jolqtu l-għajn u l-moħħ, bħalma huma mużejjiet, libreriji, knejjes, eċċ., iktarx li ma' dawn żar xi ġonna pubbliċi fejn tgħaxxaq bil-monumenti sbieħ u artistiċi, li jfakkru f'xi nies kbar ta' dak il-pajjiż—fost dawn ġenji tal-arti u tax-xjenza, ta' patrijottiżmu, u kwalitajiet oħra li fihom iċ-ċittadin ta' dak il-monument kien magħruf u baqa' mfakkar fost in-nies ta' dak il-pajjiż.*

*Aħna hawn Malta fil-ftit ġonna li għandna ma nistgħux ngħidu li bqajna lura għal kollox f'dak li hu spirtu patrijottiku għal dawk in-nies li b'xi mod f'ħajjithom kien jistħoqqilhom li nwaqqfulhom xi tifkira bħala xhieda ta' għożża li tibqa' fostna u fost il-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Iżda din il-għożża aktarx insibuha fostna mfakkra fi ġnien ieħor, f'dak il-ġnien miżgħud bi slaleb 'l hawn u 'l hinn fejn insibu monumenti oħra u rħamiet b'iskrizzjonijiet oħra li jfakkruna fl-għeżież tagħna li telquna għal dejjem biex fin-niket tal-firda tagħhom mid-dinja u minn darna nibqgħu niftakruhom fit-talb tagħna għall-mistrieħ ta' ruħhom.*

*Dawn ix-xorta ta' monumenti wkoll, skond il-kliem tal-poeta Foscolo, jiġi li jqajmu f'demmna l-fjama li tħeġġiġna biex f'ħajjitna nagħmlu l-ġid lil għajrna u lil art twelidna u nżejnu isimha bix-xogħol tagħna f'ħajjitna bħal ta' dawk li l-għadam tagħhom jinsab taħt dawk il-monumenti—oqbra li jbierku u jsebbħu l-art li leqgħethom:*

A egregie cose il forte animo accendono
L'urne de' forti...... e bella
E santa fanno al peregrin la terra
Che le ricetta......

*Barra milli f'Ġonna Pubbliċi u f'ċimiterji, insibu mwaqqfa tifkiriet monumentali f'postijiet oħra, bħal f'xi pjazez, jew ukoll f'postijiet fejn tkun indifnet il-persuna li jkun jistħoqqilha xi tifkira ta' monument jew lapida kommemorativa li tfakkar dak il-mejjet bil-merti tiegħu ta' matul ħajtu. Hawn Malta nsibu li l-Forti Sant'Jermu serva*

*ta' qabar u monument fl-istess ħin, b'lapida kommemorattiva li tfakkar il-Ġeneral Ralph Abercrombie (1801) li kien miet fil-kamp tal-battalja fl-Eġittu kontra l-Franċiżi. Il-bastjun ta' Sant'Jermu serva wkoll bħala qabar ta' Sir Alexander Ball, Kummissarju Ċivili u Gvernatur f'Malta (1802-1809). Iżda barra l-lapida bil-Latin li tgħatti l-qabar tiegħu fis-Sur ta' Sant'Jermu, il-Maltin, b'kontribuzzjoni pubblika, waqqfulu monument isbaħ fil-ġnien tal-Barrakka t'Isfel li tħares lejn il-Port—monument fuq id-disinn tat-Tempju ta' Teżew f'Atene magħmul mill-arkitett G. Pullicino, bi skultura ta' Ċensu Dimech u b'iskrizzjoni bil-Latin ta' Don Giuseppe Zammit li tqiegħdet fl-1884 meta l-monument, wara li tmermer, kien reġa' ġġedded.*

*Fil-bidu tal-Gvern Ingliż f'Malta, il-Ġnien tal-Barrakka ta' Fuq, u l-iktar fi żmien Maitland (1813-1824), kien beda jservi biex fih jitwaqqfu xi monumenti, kif ukoll biex mal-ħitan ta' l-arkati tiegħu jitwaħħlu lapidi ta' l-irħam li fuqhom, b'ittri minquxin, jinqara l-isem u l-merti ta' nies li servew fil-flotta jew armata Ingliża, fil-battalji tal-baħar, jew artijiet barranija, u mietu waqt is-servizz tagħhom militari jew navali.*

*Hawnhekk l-ewwel ma tolqot l-għajn ta' min ikun qed iżur dak il-ġnien huwa l-monument ta' Sir Thomas Maitland stess midfun innaħa tal-lemin inti u dieħel il-ġnien. Maż-żmien dak il-ġnien beda jimtela b'monumenti ta' nies oħra sew Ingliżi kemm Maltin magħrufin għall-ħidma tagħhom patrijottika, ċivili, militari jew navali.*

*Fost xi monumenti oħra, ta' min isemmi l-istatwa ta' Dr. Giuseppe Nicola Zammit, li kien Segretarju ta' Malta fil-bidu tas-seklu Dsatax u Mħallef tal-Qrati Superjuri ta' Malta. Kien b'ħiltu li twaqqfet hawn Malta l-*"Order of St. Michael and St. George" *li tagħha hu stess kien dekorat bit-titlu ta'* "Knight Commander" *fl-1818. Il-monument tiegħu kien twaqqaf bit-tħabrik tal-Gvernatur Maitland b'nefqa mill-fondi tal-Gvern fl-1824.*

*F'ġenb wieħed ta' nofs il-ġnien jidher il-monument ta' persunaġġ Malti, Lord Strickland, li għax mill-1861 sa l-1940, u li hu magħruf għall-ħidma tiegħu qawwija biex ikabbar l-istat ta' Malta fl-Imperu Ingliż. L-istatwa tiegħu hija xogħol ta' l-iskultur Malti Sciortino. Ma' dak il-monument, għalkemm mhux persunaġġ Malti, joqgħod tajjeb il-bust ta' Sir Winston Spencer Churchill, magħmul mill-iskultur Malti Vincent Apap, li nsibuh ukoll imwaqqaf f'dan il-ġnien—bust li kien ingħata lilu mill-poplu ta' Malta f'Awissu ta' l-1955, bħala sinjal*

*ta' apprezzament tal-ħidma tiegħu qalbiena fl-aħħar gwerra, filwaqt li kien Prim Ministru jmexxi bl-akbar dehen id-destini tal-Forzi Militari, Navali u tal-Ajru, b'rebħa tal-Forzi Armati kontra l-Għadu. Dan il-bust bix-xewqa ta' Sir Winston Churchill stess tqiegħed f'dan il-ġnien li fuqu għaddew ukoll l-irwiefen tal-Gwerra u ħallewlu xi ġrieħi tagħha, u għalhekk jorbtu tajjeb mat-tifkira tar-Rebbieħ tal-Gwerra l-Kbira f'dan il-Ġnien.*

*F'dan il-ġnien jinsabu wkoll xi rħamiet imwaħħlin mal-ħitan ta' l-arkati b'xi ismijiet li jfakkru f'xi persunaġġi magħrufin fl-Istorja għall-ħidma tagħhom għall-ġid u ġieh ta' Malta u tar-Reliġjon, fost dawn, irħama, miktuba bil-Malti, li tfakkar fl-Isqof Franġisk Saverju Ċaruana f'għeluq il-mitt sena minn mewtu; irħama oħra, fuq naħa tal-loġoġ li jħarsu lejn il-Port, tfakkar ix-xena imponenti ta' meta l-Kardinal Domenico Ferrata, Delegat Appostoliku, minn fejn tqiegħdet l-irħama, bierek il-baħar bil-Barka Sagramentali fil-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ta' l-1913.*

*F'waħda mill-irħamiet naqraw it-tifkira ta' dawk is-suldati Ingliżi tad-*Dorsetshire Regiment *li mietu taħt in-nar tal-għadu fl-aħħar gwerra. L-irħama mwaqqfa minn sħabhom fid-29 ta' Jannar, 1950. Irħama oħra li kienet tkissret, iżda ġġeddet m'ilux, bil-figura ta' sfinġi fuqha, hija dik tal-Kaptan Rinaldo Sciberras tal-80th Foot Regiment (il-lum is-*South Strafforshire Reg.*) maqtul f'taqbida ħarxa matul il-Battalja ta' Forozeshah.*

*Fil-Ġnien ta' Hastings fuq il-Bastjun ta' San Ġwann jinsab il-monument fejn hu midfun il-Gvernatur Francis Rawdon Markiż ta' Hastings. Dan il-monument, għamla ta' tużell fuq erba' kolonni, taħtu l-figura tal-mejjet Lord Hastings, b'iskrizzjoni bl-Ingliż mad-dahar tal-monument, twaqqaf minn ħbieb il-Gvernatur, flok id-daqsxejn ta' qabar li kien hemm qabel b'għatu tar-rħam bla ebda iskrizzjoni. F'tarf il-ġnien għad hemm il-bażi tal-monument tal-Gvernatur Sir Frederick Cavendish Ponsonby (1783-1837). Il-monument kien għamla ta' kolonna għolja mas-70 pied, b'iskrizzjon bil-Latin. Fl-1864 kienet tajritha sajjetta. Il-lum ma tidhirx ħlief il-bażi tagħha.*

*Kien igħaqqad sewwa s-sensiela tal-monumenti ta' nies kbar tal-Forzi Militari u Navali f'Malta, fil-bidu tas-seklu li għadda, il-monument ta' Villettes, il-Ġeneral ta' Ball, li sal-1912, kien għadu jidher fil-ġnien tal-Argotti—monument li kienet waqqfitlu oħtu fl-1812, u li milli jidher, kien inħatt għal xi raġuni jew oħra. Taħtu, kif jaħsbu,*

*kien hemm, u iktarx għad hemm, il-għadam ta' Villettes li kien għoġbu jindifen f'dak il-ġnien li hu kien tant jedha fih u żejjen b'siġar u pjanti ornamentali.*

*Il-ġnien li fih nistgħu ngħidu li hemm miġburin il-monumenti ta' nies Maltin magħrufin fl-Istorja għall-merti tagħhom professjonali, amministrativi, politiċi u umanitarji huwa l-Ġnien tal-Mall, il-Furjana. Fih naraw il-bust tal-magħruf Tabib Luigi Pisani, li miet fl-1865, tal-Markiż V. Bugeja, li miet fl-1890, ta' Sir Adrian Dingli, President tal-Qrati Superjuri u Ġurista mill-kbar, li miet fl-1900, tal-Markiż Scicluna, li miet fl-1907. Ma' dawn dan l-aħħar twaqqfu wkoll il-bust ta' G.N. Papaffi, il-Benefattur ta' l-Emigranti, u ta' Sir Ugo Mifsud, wieħed mill-ewwel kapijiet tal-Partit Nazzjonalista fi żmien il-Kostituzzjoni ta' l-1921, li miet, fil-bidu tal-Gwerra l-Kbira (1939-45), jiġġieled għall-ġieh tas-Sudditi Maltin taħt il-Kuruna Ingliża.*

*

* *

*Minn dak li s'issa rajna jidher li l-iktar monumenti li twaqqfu kienu fi żmien il-bidu tal-Gvern Ingliż, u l-iktar għal nies barranin, u waħdiet 'l hawn u 'l hinn għal xi Maltin meta dawn setgħu jkollhom l-isbaħ tifkira monumentali għall-merti tagħhom sew letterarji kemm professjonali.*

*Il-lum jekk nagħtu ħarsa lura ma nistgħux ma nħammrux wiċċna flok il-ġenerazzjoni ta' qabilna għax mal-ħafna monumenti li twaqqfu għal nies barranin, wisq ftit li twaqqfu għal nies Maltin li f'dik l-istess epoka setgħu kellhom xi monument li jfakkar xogħolhom li jagħmel ġieh lid-demm Malti u lill-Gżira. Kien jixraq li ma' dawk il-waħdiet ta' monumenti li twaqqfu għal xi nies Maltin fis-seklu li għadda u l-bidu ta' dan jiżdiedu oħrajn, fosthom nistgħu nsemmu lil Dott. Giuseppe Zammit, li kien l-ewwel Direttur tal-Ġnien Botaniku fil-Foss ta' Sant'Jermu, lil Dr. G.F. Bonamico, lill-Professur Stefano Zerafa, lil Dun Mikiel Xerri, u fost nies li kellhom sehem kbir fil-pulitka ta' Malta mis-seklu li għadda sal-lum, lil Sigismondo Savona, lil Sir Filippo Sceberras, lil Ġorġ Metrovitch, u oħrajn.*

*Mill-banda l-oħra monumenti li s'issa, rajna fil-ġonna pubbliċi għal xi ċittadini Maltini huma ta' nies li fl-Istorja ta' pajjiżna ssemmew għall-merti professjonali, filantropiċi, politiċi, iżda mhux għall-merti oħra li għandhom il-valur tagħhom fil-ġieh u l-prestiġju nazzjonali,*

*jiġifieri merti letterarji li fl-istess persuna jiġu li jisbqu lill-merti oħra professjonali, bħalma nsibu fit-tabib Bonamico, li kien lingwista u letterat, Stefano Zerafa u Nikola Zammit, li, barra mill-kwalitajiet professjonali tagħhom ta' tobba, kellhom ukoll xi kwalitajiet oħra li fihom urew l-akbar ħila, fil-wieħed bħala naturalista u fl-ieħor bħala bniedem letterat u arkitett.*

*Il-monument li m'ilu xejn twaqqaf lil De Soldanis mis-Soċjetà Storika ta' Għawdex fetaħ triq għat-tifkira nazzjonali ta' nies letterati li bil-kitba tagħhom sfaw ta' ġid għall-progress tal-letteratura tal-Pajjiż. Il-Pajjiż li jibqa' ma jagħrafx il-valur spiritwali ta' monument lil ċittadin li bil-kitba tiegħu għamel il-ġid, kabbar u żejjen isem art twelidu, għandu jitqies bħala pajjiż nieqes mis-sens tal-proporzjon fil-valuri spiritwali bħalma s'issa wera ruħu fil-ftit monumenti li s'issa twaqqfu u li m'humiex biżżejjed biex jissimbolleġġaw il-wirt tal-*intelligentia *Maltija.*

A. CREMONA.

---

## BANDIERA MALTIJA

Ta' KARMENU ELLUL GALEA

*Waqt it-tlugħ tagħha f'nofs il-lejl ta' bejn il-Ħadd u t-Tnejn, 20-21 ta' Settembru, 1964.*

Ma' nofs il-leil fis-skiet ta' l-akbar folla
Raitek setgħana f'nofs il-misraħ tagħna
Tifrex ġwenħajk bħal omm fuq l-ulied kollha
U tgħid lill-ġnus: Jien issa wkoll suvrana!

Kemm dhert sabiħa f'dawk id-dwal u d-dija
B'għajnejn kulħadd imsammra fuq ilwienek,
Titlajja f'moħħhom il-ġrajjiet mgħoddija
Li nbnew bix-xogħol, bid-dmugħ u d-demm ta' wliedek.

Bandiera ħelwa! —għelm ta' mħabba u sliema—
Twemmin li xxettel sħiħ f'għeruq iż-żmien!
Il-lum riħek f'idejk, ma tħossx indiema
Li wrejtna t-triq tal-ħaqq u tal-ħelsien!

Tislima ntuk mill-qlub mixgħula mħabba
U nbusu lwienek sbieħ minn ħadd imtabbagħa.

# IL-HARES TAD-DAR TAGHNA

Ta' TARCISIO L. XERRI

Il-ħares jeżisti? Kieku kelli ngħid iva, mur ara kemm kont insib min igħidli li din tal-ħares mhix ħlief ħrafa li biha jbeżżgħu lit-tfal żgħar biex joqogħdu kwieti. Igħiduli li jien wieħed minn dawk li kienu mietu qabel, li moħħi mimli bin-nuħħala, li għadni naħsibha kif kienu jaħsbuha bużnannieti, u jagħtuni ħafna titli oħra li tagħhom nižžihom ħajr minn qalbi. Forsi wkoll ikun hemm xi ħadd li jżomm miegħi, u jgħid li l-ħares jeżisti, u bil-kemm ma jipprovax iwaqqa' għaċ-ċajt, biex ma ngħidx igiddeb, lil dawk li ma jemmnux li l-ħares jeżisti. Erħilu jsemmi x'kienet rat nanntu darba meta kienet għadha tifla, x'kienet semgħet zitu meta darba nizlet fil-kantina ġġib qolla nbid, u jibqa' sejjer hekk sakemm jerfa' l-arblu ta' razztu kollha u jgħid dak jew dik x'kienet rat jew semgħet. Iżda trid taqta' t-tara minn dak li jgħidu xi wħud, għax tista' ssib lil xi ħadd li jħobb iżid xi ċoff ma' dak li jkun sama'. Jien ma jien se'r inżomm ma' ħadd biex ma nidħolx bejn il-basla u qoxritha, iżda sejjer ngħidilkom dak li ġralna darba meta kont għadni daqsxejn ta' tifel.

Bil-kemm kont għalaqt it-tnax-il sena, meta missieri ħassel dar il-ġmiel tagħha. Ommi kienet sejra ttir bil-ferħ għax fl-aħħar kienet sabet dar għal qalbha, u jien u ħija m'għamilnilhiex għajb għax, hienja daqs il-griedel, bdejna ntellgħu u nniżżlu liema kienet sejra tkun il-kamra tal-logħob u dik ta' l-istudju. F'kelma waħda din id-dar kienet sonbor għalina għax sa ġnejna kien fiha. Xtaqtkom taraw lil missieri jippassiġġa magħha, u jxejjer 'l hawn u 'l hinn sebgħu l-werrej t'idu l-leminija, qisu xi surmast tal-banda jżomm it-temp, juri fejn kien sa jħawwel is-siġra tal-larinġ, dik tal-lumi, u dawk tal-frott irqiq. Ommi, bil-banda l-oħra, bil-qies f'idejha, erħilha tqis u tkejjel kemm-il bieb u kemm-il tieqa, biex tara x'tul ta' drapp kellha bżonn għall-purtieri.

Wasal il-jum tal-ġarr. Hawn xtaqtkom taraw 'l ommi, qisha xi ġeneral fl-eqqel tal-battalja, tagħti l-ordnijiet fejn iqiegħdu l-gwardarobba, il-vetrina, u l-imbarazz kollu li kellna. Kienet se tinqala' daqsxen ta' tilwima fuq mera żgħir. Missieri qal li fejn qegħditu ommi ma kienx postu, iżda din mill-ewwel sadditlu ħalqu u qaltlu li hu ma kienx jifhem fit-tiżjin tad-dar.

Issa kienet waslet l-ewwel lejla li norqdu fiha. Kif konna miġbura madwar il-mejda nieklu l-ikla ta' filgħaxija, smajna bħal ħoss ta' żinn-żinn-żinn. Ommi ġibdet wiċċha u ħarset lejn missieri, missieri ħares lejn ommi, u jiena u ħija ħarisna lejhom it-tnejn.

"Dan x'ħoss hu, Ġorġ?" staqsiet ommi lil missieri. "Mhux il-ħares, hux, għax jekk inhu l-ħares, naqbad u mmur għand ommi. Isma'! Isma'!"

"U x'ħares ħares, ta' papasek! Int mill-ewwel tfattarha!"

Maħfun mill-biża' għall-kelma ħares, qomt minn fejn kont, u mort intfajt gozz ma' djul ommi, fil-waqt li ħija għamel l-istess. Il-ħoss ma heda xejn, u ma nafx kemm dam sejjer—żinn-żinn-żinn! Missieri ipprova jgħid xi ħaġa, iżda ommi ma tatux żmien.

"Wikkiek biha, Ġanni l-Masri!" reġgħet fendiet ommi. "Ma nafux, ħej, lil Ġanni! Dak lagħab bik! Kien messek tbejlek għajnejk minnu! Għalltek! Qliek b'żejtek!"

"Qlieni b'żejti, le", ħatafha missieri, "u ara x'inti tgħid! Ta' din id-dar żammli kibx il-Lhud, għax daqqejtlu erba' mitt lira waħda fuq oħra!"—Erba' mitt lira kienu flus kbar erbgħin sena ilu—."La ħsilna għamilna l-att, mhux lakemm jerġa' lura minnu, imma miskin hu jekk inhu kif qed taħseb int!"

"Li kont minnek, immur infittxu issa stess", reġgħet ommi, "ħalli jkun jaf x'begħelna! Jew għax bniedma ta' ksir il-għonq m'iniex sejra nġibu għal idejja? Jekk ħaseb li sejjer jorbtilna idejna għax għamilna l-att, naf inwasslu mal-ġustizzja! Hobbni u obgħodni, jien hekk magħmula! Jekk ħaseb li għallatna, nurih li toqba fl-ilma għamel!"

"Ara x'nagħmlu," qal missieri. "Għal-lejla norqdu lkoll fil-kamra li għażilna għat-tfal. Dan il-lejl f'tebqa t'għajn igħaddi, imbagħad għada filgħodu nara mmurx insibu".

"Għax ma tmurx issa", qaltu ommi. "Il-ftira sħuna tajba. Jien u t-tfal niġu miegħek, għax hawn waħdi ma noqgħodx".

"Bħal issa hu ħin? Dalam b'ruħ ommu u missieru! Minn hawn sa għand Ġanni hawn ġibda ġmielha! Għal-lejla aħjar karba minn kelma, imbagħad għada, bħalma għidtlek, immur insibu u, bis-sewwa jew biddnewwa, ikollu jwaqqa' l-att".

Sadattant il-ħoss kien spiċċa, u bħallikieku kulħadd kien serraħ rasu. Missieri u ommi ntefgħu fuq is-sodod tiegħi u ta' ħija — ommi bil-ħwejjeġ b'kollox — u lilna tefgħulna żewġ saqqijiet fl-art. Iżda bilkemm konna ntfajna biex norqdu li ma smajniex ħoss ieħor, donnu xi ħadd kien qed igerrem il-ħajt. Lil missieri tatu rasu għax ra li kien weħel b'zokk mill-kbar, u kellu jiblagħha sa għarqbejh li f'dik id-dar kien hemm il-ħares.

Ommi qamet b'salt. "Bravu għalih il-Masri, x'erba' rbajja' falza fih! X'ħaseb? Li flusna huma tal-ġild? Infaqna għajnejna f'dar li ma tiswiex ħabba! Isħaq u ilgħaq biex tfaddal sold biex imbagħad jiġi xemnieq bħal dak u jixrobhomlok! X'jiswa li d-dar hi arjuża la darba fiha dawn il-ħsejjes kollha! Ma tiġinix id-dinja bi tqila u mmur insibu issa!" U kieku kellha tasallu waħda minn dak li xtaqet lill-Masri, ma nafx x'kien isir minnu. X'għadda aktar bejniethom ma nafx għax, għalkemm imbażża', irqadt, u Alla waħdu biss jaf b'kemm imniegħel u spettri ħlomt.

Bil-għajnuna t'Alla sebaħ. Missieri ha ftit kafè bil-ħatfa, u mar isib lil Ġanni. Qalulu li kien siefer awl il-lejl, u qalb missieri għamlet tikk. Għalhekk mar jistaqsi 'l Bertu ta' Lippa, il-ġar tagħna, fuq id-dar.

"Le!" qal Bertu lil missieri." Qatt ma smajt li dik id-dar fiha l-ħares u li jisimgħu l-ħsejjes fiha!"

"U jien, l-aktar, mhux minħabba fija", biġġelhielu missieri, "imma taf int in-nisa, meta jdaħħlu fellus f'rashom mhux lakemm terġa' toħroġhulhom".

"Nitkellmu bil-Malti, Ġorġ", qal Bertu. "Għadek m'għidtlix xi ħsejjes smajtu".

Missieri qallu b'kulma konna smajna l-lejl ta' qabel, u mbagħad Bertu qallu: "Għidtli li fit-tmienja ta' filgħaxija bdejtu tisimgħu l-ħsejjes. Il-lejla f'xi t-tmienja u nofs niġi, u għidli xi tkunu rgajtu smajtu". U baqgħu hekk.

Lanqas laħaq wasal id-dar missieri, li ommi ma laqgħetux b'elf mistoqsija—jekk sabux lill-Masri, x'qallu, x'wieġbu, kif baqgħu, jekk kinux sejrin jitilgħu l-Qorti, jekk kienx sa jagħtih il-flus lura—insomma ħallet ilsienha kif kienet taf, u ma nafx kemm-il salib sennget fuq il-mejda li f'dik id-dar ma toqgħodx.

Missieri kellu jsoddilha ħalqha b'elf tweġiba mpaspra minnu dak il-ħin, għax ħoll xagħrek u ġib iż-żejt kieku jgħidilha li l-Masri kien siefer. Kellu seba' mitt sena li tasal dik l-għaxija biex jara x'kien sa jgħidlu Bertu.

Mat-tmienja l-ħoss reġa' beda. Żinn-żinn-żinn! Bumm-bumm-bumm! Żinn-bumm! Żimm-bumm!

"Hemm aħna!" qalet ommi b'fawra f'wiċċha. "Sa jerġa' jibda! Il-lejla biddel it-ton! U le; irrodd salib għal wiċċi, u f'din id-dar ma noqgħodx! Jekk nibqgħu sejrin hekk, Wied Inċita jew iċ-ċimiterju jirbaħni! Imxi miegħi ħalli nsorr ħwejġi u mmur għand ommi. Lit-tfal neħodhom miegħi, u int ara x'sa tagħmel!"

"Iva issaporti ftit sakemm naraw x'igħidilna Bertu ta' Lippa", qalilha missieri.

"Dan Bertu ta' Lippa x'jindaħal?" staqsiet ommi. "Imxi miegħi, għidtlek".

Wara ftit ħabbat il-bieb. Kien Bertu, u wara li sar jaf b'kollox qal, "Naħseb li dak li smajtu jien kont nagħmlu. Hux minn dik il-kamra għidtu li kien ġej il-ħoss?"

"U l-mniefaħ jonfħuk, x'ruħ xierfa għandek!" ħatfitu ommi. "Mela trid tmarradna bis-suffejra u tibgħatna l-qabar?!"

"Bil-mod, Mariroż", qalilha Bertu. "Jekk jien qed nagħmel il-ħoss mhux apposta qed nagħmlu. Ma' dak il-ħajt, min-naħa tiegħi, inwaħħal ir-ranċila biex inqatta' s-silla għall-bhejjem, u l-ħoss li tisimgħu mhux ħlief il-ħoss li tagħmel is-silla mar-ranċila. Tafu intom, il-ħajt singlu, u l-ħoss jirbombja għandkom. Difatti l-lum ħabbatilkom mal-ħajt".

Għal dan il-kliem wiċċna ddawwal, u mbagħad ommi staqsietu: "U xi tgħidilna għal dak il-ħoss ta' tgerrim fil-kamra l-oħra?"

"Għiduli liema kamra hi", qal Bertu.

Wara li ħadnieh fil-kamra tagħna tar-rqad, Bertu għadda idu minn

ma' lħitu, qagħad jaħseb ftit u mbagħad qal: "Wara dik il-kamra taħbat l-istalla taż-żiemel, u naħseb li l-ħoss hu t-tgerrim taż-żiemel hu u jomgħod is-silla. Il-ħoss jinstama' aktar bil-lejl. Issa minn għada stess nibdillu l-post, u r-ranċila nwaħħalha ma' ħajt ieħor. Wisa' għandi kemm irrid".

U difatti hekk kien. Mill-għada stess il-ħsejjes spiċċaw għal kollox. Ilkoll serraħna rasna, u Bertu ta' Lippa baqa' l-akbar ħabib tagħna. Ommi u missieri kienu mietu, Alla jaħfrilhom, ħija kien daħal patri u mar għall-missjoni, u jien, ma' marti u wliedi, għadni noqgħod fiha sal-lum, u ma smajt ebda ħoss ieħor.

Qegħdin taraw xi minn daqqiet x'ikun il-ħares? Issa bħal dawn il-praspar issib kemm trid.

## IŻJED MILL-GĦOLI

Ta' DUN FRANS CAMILLERI

B'ħarstu saltnija,
wieqaf fuq l-għolja, mkabbar,
jittawwal il-palazz 'l isfel madwaru
fuq id-djar imbiegħda,
li jara hekk ċkejknin,
u fuq kull għorfa fqajra
tkaxkar ma' l-art, tistenna r-riħ isuqha
sakemm tintemm fix-xejn.

* * *

B'ħarsti ferħana,
mill-għoli, bejn is-sħab,
ilmaħt mill-ajruplan, xi ftit imbeżża',
Londra, Pariġi u Ruma.
Rajt il-palazzi kbar li jsaħħru d-dinja
hekk ċkejkna li stħajjilthom
djar tal-kartun li ħdimt meta kont tfajjel
jew kastelli żgħar f'xifer ix-xtajta
li jibnu t-tfal bir-ramel
u jdubu hekk fix-xejn ma' l-ewwel mewġa.

* * *

B'ħarstu ħanina,
mill-iżjed għoli tas-smewwiet,
iħares Alla lilna lkoll, u ħsiebu
sa fl-iċken dud ta' l-art, fl-għasfur tal-bejta.
Imma jitgħaxxaq jara
mhux fejn noqogħdu aħna
— il-palazz jew l-għorfa —
iżda lilna l-bnedmin, fqajrin u għonja,
tempji ħajjin fejn iħobb jgħammar Hu.

# IL-KAĊĊATUR

*Ta'* P.P. THEUMA

Tlaqna; kienu x'il-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar. Qsamna t-triq ewlenija tar-raħal u rħejnielha għal ta' l-Isqof. Biex tidħol f'dan ir-raba' trid tgħaddi minn sqaq kollu siġar tal-ħarrub, li wara l-ewwel xita kienu ħodor u jarmu n-nida. Kif qbadna l-mogħdija ltqajna ma' kaċċatur. "U x'rajt"? qallu sieħbi, "Żewġ daqquqiet u erba' summiniet", wieġeb, "ma ġewx għat-tir".

Minn mogħdija dejqa wasalna f'qatgħa għerja, imdawra b'siġar kbar tal-ħarrub tat-tin u tal-bajtar tax-xewk. 'L hemm xi bidwi jagħżaq jew jaqla' l-ħaxix; 'l isfel aktar, xi raħlija twaddab xi żrara lill-għabura għax se taqbżilha barra mill-ħajt.

Sibna d-dura tagħna, poġġejna fuq żewġ ġebliet imqegħdin apposta u t-tnejn intawlu għonqna biex naraw nilmħux xi rixa. "Xejn", qalli Benjamin, għax hekk kien jismu sieħbi. Dan raġel mibni b'saffejn, daqsxejn goff, b'żewġ mustaċċi mibrumin wirdiena u bil-kappell tal-Panama. Dan kien surmast fl-iskola tal-Gvern, issa bil-pensjoni minn żmien. Waqa' t-teatru u ma baqagħlu xejn ħlief il-kaċċa. Erħilu jitkellem fuqha u ma jispiċċa qatt. Isemmilek il-ħarruba, il-fergħa fejn qagħdet it-tajra; igħidlek x'kienet, jekk kuċċarda, russett, daqquqa jew kokka mingħajr qatt ma jfallilu, u, ħaġa tal-għaġeb, qatt ma jiġi b'xejn.

"Oqgħod baxx", għajjat, u jien għaddast rasi 'l isfel, Niżżel rasu, qagħad jistenna ftit, waħħal il-kanna ma' spalltu, ħa l-bogħod, u fetaħ in-nar. Kienet kuċċarda. Mat-tifqigħa waqgħet sobtu fl-art. "Qtiltha", għidtlu, u ħriġna niġru daqs sajjetta. It-tajra taret, meta kien jonqosha xi erba' passi. "Kif", għidtlu, "mela ma qtilthiex?" u qagħdet fuq l-aktar fergħa għolja ta' siġra tal-ħarrub. Minn fejn konna rajnieha ddawwar rasha 'l hawn u 'l hinn, b'dawk għajnejja jibru. Tlaqna, niġru għal warajha, reġa' rafa' u t-tajra waqgħet minxura fl-art. Mort niġri, ħtaftha mhux mingħajr ma girfitni żewġ girfiet li nibqa' niftakarhom; "Waħda ġewwa, tgħid noqtlu xi oħra?" qalli. "Issa naraw" Kienet newba tal-kaċċa,—il-passa tal-gamiem ta' Settembru. "Ma nafx", qalli, "kif għadha m'għaddietx qatgħa gamiem". Ma kien jonqsu xejn. Is-sema mgħotti bi sħab oħxon u iswed, sa tqattar ix-xita, riħ isfel, xi jrid iktar? "U araha ġejja waħda", qalli. Tawwalt għonqi 'l fejn qalli, imma ma stajt nara xejn.

Taraw li m'iniex tal-qatgħa u qatt ma ħriġt għall-kaċċa, imma bħal dak in-nhar qatt m'għamilt. Kont għadni ngħarrex l-orizzont u sieħbi ġa refa' u għal "tir" ta tnejn. Il-ħasda li nħsadt ma tinkitibx. Ma kontx ħsiebi hemm, hu ma qalli xejn u jien qgħadt nistenna l-gamiem xi mil bogħod. "Hemm ara fejnhom", qalli, u tassew, żewġ gamimiet, smien daqs żewġ bċieċen waqgħu ftit 'il bogħod minna.

Il-ħin beda jagħmel tiegħu. Ix-xemx il-jum kollu ftit u xejn deħret, bexxqet għall-aħħar darba l-istar tas-sħab iswed u għodsot. Bdiet ittenni l-*Ave Maria*. Ingħaqdu magħna erba' kaċċaturi oħra u tlaqna lejn id-dar. Kulħadd kien ferħan dak in-nhar għax kien għadda tassew gamiem u daħal. "Donnu ma beżax minna", qal wieħed.

Infridna fejn it-triqat jinfirdu. Jiena u sieħbi għaddejna minn taħt il-ġnien biex naslu d-dar. It-tajra mdendla f'idu, ġwenħajha mniżżlin 'l isfel, qisha ġganta tal-għasafar mingħajr saħħa, saqajha bħal ta' tiġieġa kienet iġġiblek għira. "X'daqsxejn stuffat għandek f'idek", qaltlu waħda. U hu ħallih jintefaħ u jitkabbar, b'dak il-kappell abjad tiegħu, bis-sidrija u l-qalżiet tal-fustan. Għalxejn ħafna nisa għajjurin għax ir-raġel tagħhom qatt ma ġibilhom biċċa kaċċa; qalulu minn kollox, lil ħadd ma ta widen. Ferħan se jtir qasam dawk il-ħafna nies għażżiena u baqa' sejjer dritt id-dar.

——— o ———

## SIĠRA TAL-ĦAWĦ

Ta' P. P. THEUMA

Ġurnata fost l-oħrajn fix-xahar ta' Ġunju
Hriġt ħarġa u mort sal-ġnien fil-għodu kmieni
Li qed f'xaqliba mżerżqa għal xatt il-baħar
Ġo raħal jarmi l-ilma, kollu swieni.

Ix-xemx kemm kemm bdiet tfiġġ minn xfar il-baħar,
Is-sħab imnaqqax b'għadd ta' frak imdieheb,
In-nida fosos fosos fuq il-weraq
Maż-żiffa jiddi, jilma u jitbiegħed.

Oh x'dehra ħelwa li thennilek qalbek!
Hekk kif kont qiegħed b'siġar sbieħ imdawwar,
Kien hemm il-prun, għajnbaqar, bambinella,
Imħallta ma' kull frott li Alla sawwar.

'Ma l-isbaħ fost is-siġar tal-ġnien kollu
Il-ħawħa kienet tfuħ fix-xemx għodwija!
Ma nafx lil x'hiex inxebbah dak is-seħer,
Dik il-ħlewwa, wil-fwieħa saħħarija.

Stħajjiltha għarusa mżejna, fl-aqwa tagħha,
Xebba fuq tagħha mit-tfajliet Maltija
Sejra tiltaqa' ma' l-għarus ta' qalbha
B'għajnejha sbieħ, ħaddejha bellusija.

# IL-QTIL TA' FERDINANDU, L-ARCIDUKA TA' L-AWSTRJA

Ta' A. TABONE

Kienu t-28 ta' Ġunju tas-sena 1914 meta l-Arċiduka Franz Ferdinandu, il-werriet ta' l-imperu kbir ta' l-Awstrja (1), kellu jżur Sarajevo, il-belt il-kbira tal-Bosnja li l-Awstrja, fis-sena 1908, kienet ħadet minn taħt il-ħakma tat-Torok. Is-Serbja, art oħra qaribha li kellha l-gvern u r-Re tagħha, kienet ilha ħafna tixtieq u tħabrek biex l-artijiet kollha tal-Jugoslavja jingħaqdu flimkien taħt gvern u bandiera waħda. Għalhekk Franz Ferdinandu flimkien mal-mara tiegħu Sofija, f'dik iż-żjara tal-Bosnja, minħabba xi biża', ma marrux joqogħdu f'Sarajevo, imma fl-Ilidze, belt żgħira fil-qrib.

Franz Ferdinandu qabel ma wasal hemmhekk, diġà kellu xi xamma dwar il-qtil tiegħu, għax kif telaq bil-ferrovija minn Vjenna, il-belt il-kbira ta' l-Awstrja, inqata' d-dawl elettriku u, meta xelgħulu x-xema', igħidu li l-Arċiduka, biex donnu jiċċajta, qal: "Qisni mn'issa fil-qabar b'dan id-dawl! Mhux hekk?". Imma, jekk Ferdinandu beda jitħasseb dwar ħajtu, ma qatax qalbu u ma beżax mit-tiġrib li sata' jinħoloq. Meta l-Imperatur, zijuh, kien mar f'Sarajevo erba' snin qabel, ma kinux għoġbuh dawk il-ħafna pulizija u suldati li kienu jgħassuh it-triq kollha. Bħalu kien iħoss Ferdinandu u, sewsew bħal president il-mejjet Kennedy, kienet tkun il-għaxqa tiegħu meta kien jaħrab il-għassiesa u kien jiddieħak bihom meta kienu jtarrfulu xi ħaġa dwar ħajtu. Ara kemm hu hekk, meta għodwa waħda, waqt il-manuvri li kienu saru f'dawk il-jiem, wieħed raġel ħareġ f'daqqa minn qalb is-siġar b'kanna twila f'idejh u l-pulizija qabżet fuqu u żarmatu, Ferdinandu, bid-daħka fuq xofftejh, qallhom: "Dak hu tar-ritratti! Ħalluh imur għax hu xogħlu!" B'dana kollu l-Arċiduka kemm-il darba ġie mwissi biex ma jkomplix iż-żjara tiegħu u jarġa' lura lejn Vjenna; imma hu ma riedx jisma'.

Kien il-Ħadd meta Ferdinandu u Sofija, wara l-quddiesa, telqu bil-mixi mil-lukanda "Bosna" lejn l-istazzjon ta' Ilidze biex jirkbu l-ferrovija li kellha twassalhom sa Sarajevo. Meta waslu hawn, għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu, hu u n-nies li kellu miegħu, tqassmu f'ħames karozzi u ġibdu lejn il-qalba tal-belt. Fl-ewwel karozza rikeb il-"Mayor" ta' Sarajevo flimkien mal-kap tal-pulizija; fit-tieni karozza rikeb l-Arċiduka u l-mara tiegħu Sofija li qagħdu waranett u, qud-

(1) Wara s-sena 1867 l-Awstrja u l-Ungerija ngħaqdu flimkien taħt kap wieħed għalkemm it-tnejn kellhom il-liġijiet u l-Gvern tagħhom. Dawn, imbagħad, reġgħu nfirdu fit-trattat ta' Versailles ta' l-1919 u tqassmu f'erba' artijiet kbar li huma l-Awstrja, iċ-Ċekoslovakkja, l-Ungerija u l-Jugoslavja.

diemhom sewwa, qagħdu Potiorek, il-gvernatur tal-belt, u l-konti Harrach, sid il-karozza. Is-saqaf ta' din il-karozza kien mikxuf għal-kollox biex dawk ta' fuqha jkunu jidhru sewwa min-nies. Franz Ferdinandu kien liebes ġlekk ikħal, qalziet iswed b'faxxa ħamra tul il-ġnub u kappell għoli miksi bir-rix fin u sabiħ tan-nagħma. Sofija kienet liebsa l-abjad minn fuq s'isfel, b'kappell wiesa' u ħelu f'rasha. Fit-tliet karozzi l-oħra kien hemm il-qaddejja tagħhom, u karozza oħra, waranett, lesta għal kulma seta' jinqala'.

Dik il-ħarġa ta' l-Arċiduka u martu Sofija kienet tabilħaqq sabiħa f'dik l-għodwa sajfija u friska, qalb is-siġar għoljin tul it-triq kollha, mimlijin ward u żahar. Id-dehra ta' ħafna kampnari għoljin u ippuntati tal-moskeji jew knejjes tat-Torok, komplew isebbħu dik il-ħarġa, Ferdinandu u Sofija kienu jidhru henjin u ferħanin, imma, huma msejknin, ma ntebhux għalkollox li fit-triq kien hemm sitta min-nies armati jistennewhom. Wieħed biss minn dawn, ta' nisel Tork kien fuq il-għoxrin; l-oħrajn kollha taħt l-għoxrin, mis-Serbja u ma kienu jemmnu b'xejn. Tlieta minnhom, jiġifieri Trifko Grabez, Nedielko Cabrinovic u Gavilo Princip, kienu mħarrġin fil-qtil, fil-belt ta' Belgradu, il-belt il-kbira tas-Serbja, minn għaqda ta' nies imlaqqma l-"Id is-Sewda". Minn dawn it-tlieta Princip kien l-agħar u, għalkemm missieru kien jaqlagħha mhux ħażin għax kien mal-Gvern iqassam l-ittri, hu kien igħid li għadda tfulitu fil-faqar u l-ġuħ. Fl-istess waqt Danil Ilic kien qiegħed iħarreġ it-tlieta l-oħra fil-belt ta' Sarajevo u, ftit wara, sab tnejn oħra li kienu Vaz Cubrilovic ta' 17-il sena u Cvjetk Popovic ta' 18. Hu tahom l-armi; imma mbagħad Ilic innifsu kixifhom biex forsi jsalva ġildu.

F'dik il-għodwa li semmejna dawn iż-żgħażagħ kienu diġà mqassmin fi triq li minnha kellhom igħaddu l-Arċiduka u martu Sofija. L-ewwel wieħed li kien fil-linja kien il-Mislem Mehmedbasic; ftit 'il bogħod minnu kien hemm Cubrilovic u ftit ieħor 'l hemm kien hemm Popovic. Quddiem Popovic, in-naħa l-oħra tat-triq, qagħad Cabrinovic. Princip mar joqgħod quddiem il-pont ta' "Lateiner" u Grabez biswit il-pont ta' "Kayser".

Kienu ftit iktar mill-għaxra u kwart ta' filgħodu meta l-karozzi dehru resqin sewwa lejn dawk iż-żgħażagħ qattiela. L-ewwel wieħed ma sparax għaliex, kif stqarr hu wara, dak il-ħin sewwa kien hemm pulizija warajh. Lanqas it-tieni wieħed ma spara għaliex, kif qal, dak il-ħin ġietu ħniena mill-Arċiduka u d-Dukessa. Popovic ukoll ma ħariġx l-arma għaliex, kif qal fil-Qorti, naqsitlu l-ħila. Iżda Cabrinovic, kif ra l-karozzi resqin, resaq kemm seta' lejn it-triq, ħareġ il-bomba ta' l-idejn mill-but, neħħielha l-labra bi snienu xeħitha bil-għaqal ma' ġenb l-Arċiduka. Wieħed raġel li nzerta hemmhekk ħaseb li Cabrinovic kien qiegħed ikebbes il-pipa, imma Ferdinandu mill-ewwel intebah x'kienet u, kif raha ħdejh, kif stqarr Cabrinovic innifsu, tajjarha minnufih u, kif faqqgħet, laqtet xi nies tal-karozza ta' wara. Cabrinovic telaq

jiġri, iżda malajr inqabad mill-pulizija u, għalkemm dak il-ħin xorob il-velenu, dan ma għamillu ebda ħsara għax inzerta qadim.

Princip u Grabez, li kienu ftit fil-bogħod, kif semgħu t-tfaqqigħa telqu mnejn kienu għax ħasbu li l-qtil kien sar. L-Arċiduka ħelisha u baqa' ħaj, imma l-qatgħa ħassha sewwa għax wiċċu sfar u kien jidher bla saħħa. Meta, imbagħad, daħal fis-sala tal-belt, ħafna minn dawk li kienu miegħu wessewh biex jibqa' sejjer lejn il-palazz tal-Gvernatur; imma l-Arċiduka ma riedx jisma', ried tabilfors ikompli ż-żjara li kellu jagħmel, mhux biss, imma lanqas ma ried jistenna sa kemm jiġu s-suldati u jitferrxu mat-triq li kellu jagħmel. Ara kemm hu hekk, wara ftit, ordna biex il-karozzi jerġgħu lura mill-istess triq u jeħduh l-isptar biex jara lil dawk li kienu korrew bil-bomba.

Meta Ferdinandu u Sofija rikbu l-karozza ma wrewx li kienu beżgħanin; mhux biss, imma Sofija anqas ma riedet toqgħod wara xi ħadd biex, jekk issir xi sparatura, ma tintlaqatx, għalkemm il-konti Harrack qagħad ħdejha biex ikunilha ta' kenn.

Imma, issa Grabez u Princip reġgħu ħadu posthom fit-triq, l-ewwel wieħed ħdejn il-palazz tal-Gvernatur u l-ieħor fil-kantuniera tat-Triq "Franz Joseph" mnejn kellu jgħaddi l-Arċiduka. Kif Princip lemaħ il-karozzi ġejjin għan-naħa tiegħu, qabad malajr ir-'revolver' li kellu fil-but tal-ġlekk, lest biex jispara x'ħin Ferdinandu jasal quddiemu. Kif is-sewwieq tal-karozza beda jikser il-kantuniera, intebaħ li sbalja t-triq; għalhekk waqqaf il-karozza sewsew quddiem Princip u beda jarġa' lura biex jiġbed għan-naħa ta' l-isptar kif kien ordna Ferdinandu. Imma dak il-ħin sewwa, Princip resaq kemm seta' lejn il-karozza u, mill-bogħod biss ta' erba' passi, ħareġ mill-but ir-'revolver', ha l-mira u spara. L-ewwel balla għaddiet sewsew mill-ħofra ta' griżmejn l-Arċiduka u l-oħra nifdet, min-naħa għall-oħra, l-istonku tad-Dukessa.

Ma' l-isparatura xi nies u l-pulizija qabżu fuq Princip, ħadulu l-arma u bdew jagħtuh bil-ponnijiet u bil-bsaten. Kif Princip sab ruħu ftit ħieles, tefa' f'ħalqu l-kus tal-velenu u xorbu. Princip ma mietx, imma ġratlu ħsara kbira. Il-Gvernatur innifsu u Harrack, għalkemm raw lil Ferdinandu u lil Sofija jmilu rashom wieħed fuq l-oħra u jgħidu minn taħt l-ilsien xi kelma, ma ntebhux mill-ewwel bil-ħsara kbira li kienet ġratilhom. Meta għaddew il-pont huma raw id-demm ħiereġ minn ħalq Ferdinandu u baqgħu sejrin lejn il-palazz. Meta waslu hemm Sofija mietet. Lanqas laħqet għaddiet kwarta mill-mewt ta' din il-mara qalbiena, meta żewġha, l-Arċiduka Franz Ferdinandu ssieħeb għat-tieni darba għal dejjem, fil-mewt, ma' dik li kien iħobb u jgħix b'għożża kbira.

Wara dan il-qtil daqshekk ikrah, il-Gvern ta' l-Awstrja talab tpattija kbira mill-Gvern tas-Serbja u ġagħlu jfittex u jagħmel ħaqq minn dawk kollha li kienu mdaħħlin f'dan id-delitt li jkexkex. Iżda,

għalkemm Ilic u xi oħrajn ħadu l-mewt fuq il-forka fil-beraħ (2), ma laħqux għaddew il-ġranet twal meta l-Awstrja u s-Serbja daħlu fi gwerra. Ftit wara r-Russja qabżet għas-Serbja u l-Ġermanja għall-Awstrja. Wara ftit Franza daħlet tgħin lir-Russja u l-Ingilterra lil Franza. L-Amerika wkoll fl-aħħar kellha tindaħal biex tgħin lil dawk ta' l-aħħar, u hekk id-dinja sabet ruħha f'tixrid id-demm li baqa' sejjer sakemm il-Ġermanja sfat għajjiena u mħarbta għal kollox, u hekk kienet imġiegħla twaqqaf u ttemm il-ġlied fil-11 ta' Novembru ta' l-1918, il-jum li għadha ssir it-tifkira tiegħu bl-isem ta' l-"Armistizju".

---

(2) Princip, Cabrinovic u Grabez ħelsu l-forka għaliex kienu żgħar fiż-żmien. imma t-tlieta mietu fil-ħabs ta' l-Awstrja tul dik il-gwerra. Mehmedbasic, għaliex ma nstabx, ħeles ukoll mill-forka u miet madwar 20 sena ilu. It-tnejn l-oħra, jiġifieri Cabrinovic u Popovic, kif igħidu, għadhom ħajjin sal-lum, l-ewwel wieħed Professur ta' l-istorja fl-Università ta' Belgradu u l-ieħor, sa ftit ilu, kellu taħt idejh il-Mużew ta' Sarajevo.

## RIFLESSIONI

Ta' ĠUŻI ABELA

*Wara li qrajt xi versi.*

Ġo din l-għadira versi
Ilmaħt bħal f'mera kull ċaqliq ġo fija
Ġo dil-qalb vojta tiegħi.

U għaliex rajt ix-xein li għandi ġewwa
Ħabbejt dil-poeżija,
Għax jien ħabbejt is-sewwa.

## NAWFRAĠJU

Ta' ĠUŻI ABELA

Anġlu Kustodju, ħaffef,
farfar ġwinħajk u ejja.
L-injam ta' taħti nieżel,
u l-mewġ qed jobrom lejja.
Anġlu Kustodju, ejja.

Ara dit-tavla nfaqgħet,
u isma' daż-żaqżiq
tat-tmun... iss'issa nkiser
Mel'issa tlift it-triq.
Anġlu Kustodju, ejja.

Nieżel ġol-baħar... Anġlu...
Bla saħħa. Idejja għajjiena.

## LILL-PROF. ĠUŻE' GALEA FOSTNA

Ta' ĠUŻE' CARDONA

Għodwa waħda,
Kontra qalbhom,
Il-Huttaf ħallew il-bejta
Artijiet aktar utieqa
Marru jżuru mħabba l-kesha,
Imma dejjem
Reġgħu lura
Lejn l-imkejjen ta' twelidhom
Għaliex qatt ma sabu isbaħ
Mill-kenn ħelu tal-bejtiet!

Minn qiegħ baħar,
Bogħ'd, għammieqi
It-triq qabad is-sallur,
Eluf kbar ta' mili mexa
Fejn xortih ġegħlitu jmur.
Imma dejjem
Reġa' lura
Lejn il-bejta li ma nsiex,
Għaliex hemm qatta' torbitu,
Hemm joħduh l-ewwel ġibdiet!

Għal fuq xogħlu
Il-baħri jbewweġ
Artu jħalli bla ma jrid,
Bliet. pajjiżi isbaħ minnha
Bil-gzuz jara ta' sikwit...
Imma jkun
Dejjem jixxennaq
Għal pajjiżu bla tlellix,
Għal dak raħlu qalb il-ħdura
Fejn il-qalb il-għaxqa ssib!

Bħall-ħuttafa
Wis-sallura
U bħall-baħri bla dewmien
Reġa' fostna ĠUŻE' GALEA
Għax HAL QORMI jsib is-sliem!
Dejjem f'qalbu
Dejjem f'moħħu
Għalkemm bogħ'd pajjiżna kien!
Issa ħajtu hawn itemmha...
Mhux li bħalu nagħmel jien!

4-11-1963

# SALVU MIFSUD

## ĦABIB KBIR TAL-MALTI



SALVU MIFSUD

Qabel is-sebħ tal-Ħadd, il-25 ta' Ottubru tas-sena li għaddiet, SALVU MIFSUD, għażeb li kien għalaq 70 sena, sellem għall-aħħar darba lill-Parroċċa fein twieled u li lilha flimkien mas-S.S. Salvatur, Titular tal-Knisja Parrokkjali tagħha, kien igħożż mhux ftit u jħobb b'ruħu u b'qalbu kollha.

SALVU MIFSUD, kif jafu bosta nies f'Ħal Lija u f'postijiet oħra ta' Malta, kien iħobb jaqra u jitgħallem dejjem fuq kotba bl-Ingliż, bit-Taljan, fuq Letteratura u Filoloġija tal-Malti, barra milli kien iħobb ukoll jistaħreġ fuq nisel il-kliem Malti imxebbah ma' dak ta' ilsna oħra. Xogħlijiet ta' Shakespeare, id-Divina Commedia, l-Istorja tal-Knisja u l-Malta Cananea ta' Annibale Preca, il-Poeżiji ta' Dun Karm u ta' kittieba oħra, fosthom ukoll tiegħi li, kien jidhirlu jolqtu l-qalb, kien isemmihom ta' sikwit. Hu stess kien kittieb tajjeb ukoll, u fuq in-nisel ta' postijiet storiċi tal-Gżejjer ta' Malta dehret ħafna kitba u polemika tiegħu fil-gazzetti tagħna.

Patrijott u intelliġenti, SALVU MIFSUD, kiteb kotba, fosthom "Tifkira tal-Festi Ċentinarji" li saru Ħal Lija fl-1932 f'ġieh is-S.S. Salvatur, u "Dun Mikiel Xerri", dramm storiku li kien inħadem b'suċċess ġmielu fit-Teatru "Radio City", il-Ħamrun. Kiteb ukoll għadd kbir ta' poeżiji popolari għaċ-ċelebrazzjonijiet, eċċ., fosthom għal dawk tal-festa Titulari tas-S.S. Salvatur, u okkażjonijiet ta' Kappillani u Saċerdoti ġodda ta' Ħal Lija.

Għall-ħeġġa kbira tiegħu fil-Parroċċa tagħna f'diversi okkażjonijiet, fosthom il-Festa Nazzjonali tat-8 ta' Settembru, fl-Akkademja Mużiku-Letterarja fil-Każin tal-Banda f'ġieh Annibale Preca, għall-versi ħelwin tiegħu għall-festa ċentenarja tal-Vara tas-S.S. Salvatur f'Awissu li għadda, it-twajjeb u ħabib kbir ta' LSIENNA jibqa' jgħix b'ruħu fostna għal żmien twil u mfakkar minn kull min kien jafu tajjeb.

MARIO AGIUS.

# POETA

Ta' WALLACE PH. GULIA

"X'inhu poeta?" staqsa tifel ċkejken,
u jien li kont għaddej ħarist ġo fija,
biex, jekk poeta jien, nagħti tweġiba—
Bniedem li jaħseb ħafna u fit-tul,
u jemmen fit-tajjeb u s-sabiħ,
u fis jintlaqat u jħoss
għallinqas ħaġa li ħadd ieħor
iħalli mar-riħ tintesa.
Wieħed li joħlom wieqaf
li s-sew xi darba jirbaħ,
li l-mewġ tal-ħajja għad jistrieħ,
bħall-baħar wara taqliba kbira;
u meta jsib li xorta baqa' mqalleb
jittama li għada jkun sabiħ u
jgħanni l-grieħi tiegħu bla qsim il-qalb.
Ferħan b'erba' kelmiet maħżuża
mgħaġġla fuq karta
f'lok bl-esperjenza li lil ħaddieħor
thenni, tkabbar u ssaltan!
Dan ħabib, poeta!

Imma dan mhux
dak li kienu qalulna tajjeb
Dun Karm u ħafna oħrajn!
Fejn hu l-profeta?
Fejn ir-rand u l-barka?

Tassew hekk hu!
Imma hekk naħsibha jiena,
jekk jien poeta.
Ma' dak li nemmen ma nilgħabx;
għallinqas għidtlek sewwa tassew xi nħoss.

Iżjed la tistaqsix!
Iġġagħlnix nigdeb!

11 ta' Awissu, 1964.

— o —

## INTI MIFDIJA WKOLL...!

Ta' PAWLU AQUILINA

Kien raxx id-dlam...
Għaddiet miblugħa
Minn quddiem biebU
Miftuħ,
Bħal dejjem...!
'Ma *darba* daħlet
Ġibdet għan-nofs
U telgħet...
Sa ħdejH,
QuddiemU!
F'mixjitha mxejra
Dehru ġenbejha maħlulin,
Imtertqa...!
U waslet
Wiċċ imbwiċċ miegħU...!
Maħsulin ħaddejha
Bi dmugħ l-imrar, l-indiema...
Bi dmugħ il-maħfra
X'ħin semgħetu jlissen
Hieni, bħal benna leħnU:
"Inti mifdija wkoll!"

18.6.64

—— o ——

## EPIGRAMMI

Ta' ANTON BUTTIGIEG

### Fil-Milied

Kull sena fil-Milied kulħadd xi ħaġa
joffri bil-ħrara lil Ġesù Tarbija;
it-twajbin joffru u jagħtu r-rieda tajba,
il-ħżiena joffru wkoll: l-ipokrisija.

### Ix-Xjuħ

Ix-xjuħ fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja
iqattgħu ftit miż-żmien,—hekk minn għalihom;
intant minn wara l-bank, bla ħadd ma jilmħu,
iż-żmien bil-mod il-mod iqatta' fihom.

### Faqar fir-Raħal

Is-sagristan ma jistax jaqla' ħabba;
tal-kappillan beda jisvojta l-but;
u bil-ġuħ id-deffien; oh! x'għarukaża!
ġo raħal sħiħ ħadd ħadd ma qed imut!

### Bħal Għanqbuta

Il-liġi bħal għanqbuta qalb il-weraq:
l-insetti l-kbar jaqsmuha bla tbatija;
iżda l-insetti ż-żgħar jibqgħu meħula
u fiha misfufin mingħajr mogħdrija.

### Onfoħ ja Tramuntana!

Onfoħ, ja Tramuntana, bl-influwenza;
ixħet fis-sodda lil kull min issib;
imla liċ-ċimiterju bil-katavri;
imla bil-flus il-kxaxen tat-tabib!

### Modesta

Modesta ħoxna u smina qisha għoġla,
toħroġ skullata tippassiġġa spiss;
il-għoġla ma tistħix b'sidirha barra;
Modesta tistħi u tikxef nofsu biss.

### Grezz

"Tabib! Tabib!", ir-raġel ħareġ igħajjat;
"Xi ġralha Grezz?", staqsew fis il-ġirien;
u ġie t-tabib, u sab li kull ma kellha:
għall-ewwel darba żammet kelma f'żaqqha!

### Iċ-Ċaj

Għax għomru jbigħ il-ħut, jiġri mat-toroq,
igħajjat "bil-ħut ħaj wasal iċ-Ċaj!";
il-ħut kien dejjem ħaj, għalkemm kien mejjet;
iċ-Ċaj kien dejjem mejjet, għalkemm ħaj.

ROYAL MALTA MAIN LIBRARY MELITENSIA

# RECENSJONIJIET

**"NITLOB INKANTA",** ta' Dun Karm Farrugia—Malta, Stamperija tad-Dar ta' San Ġużepp, 1964, pp. 100.

Il-bniedem sa minn dejjem inqeda bil-għana biex ifisser il-għoġba tiegħu, jew aħjar l-imħabba tiegħu, lejn kull ħaġa li tnissillu għaxqa u hena. Saħansitra l-ġnus l-inqas ċivilizzati nfexxew fil-għana kull meta l-id sħuna ta' l-imħabba għaddiet ħafifa minn fuq il-kordi ta' l-arpa ta' qalbhom, u għannew il-glorji tagħhom fir-rebħiet tal-gwerer, il-barka li ssebbel u tgħallel mill-ħamrija, il-hedu sabiħ tal-kenna tad-dar. Iżda wisq aktar inqdew bil-għana biex ifissru mħabbithom u l-qima tagħhom lejn il-Qawwa li tista' kollox. "Hadd għalhekk ma jistagħġeb jekk il-ġnus, ukoll dawk pagani, dejjem u kullimkien inqdew bil-għana qaddis u bl-arti tal-mużika ħalli bihom iżejnu u jsebbħu ċ-ċerimonji reliġjużi" (Piju XII, *Musicae sacrae disciplina*). U tabilħaqq, għaliex *amantis est cantare* (S. Wistin). U billi l-aqwa mħabba maħluqa hija dik li l-Knisja Mqaddsa, flimkien mar-Ras tagħha Kristu, tagħti lill-Missier tas-Sema, mhux ta' b'xejn li matul iż-żmien insibu bosta Papiet li ħabirku ħafna b'riżq il-għana qaddis fil-Knisja. F'dawn l-aħħar snin imbagħad aktar u aktar inħasset il-ħtieġa illi l-Insara jitħeġġu għall-għana popolari reliġjuż "li jaf il-bidu tiegħu mill-istess kant liturġiku", u jekk dan jitħaddem kif imiss, "ikun jiswa qatigħ biex iqanqal ħafna s-sensi u l-erwieħ u jħajjar il-ġibda ta' mħabba tajba" (Piju XII, ibid.). Fl-aħħarnett ilkoll nafu kemm il-Konċilju Vatikan II, fil-Kostituzzjoni *De Sacra Liturgia*, saħaq fuq l-Isqfijiet biex iħeġġu l-Insara tagħhom ħalli jieħdu sehem dejjem akbar fil-ħajja tal-Knisja u fiċ-ċerimonji tagħha permezz tal-kant qaddis fl-ilsien tal-post.

Kienu żgur dawn il-ħsibijiet li qanqlu 'l Dun Karm Farrugia, it-twajjeb Kappillan ta' S. Girgor, biex jagħtina f'idejna ġabra hekk ħelwa ta' innijiet imqaddsa. L-isem stess li bih għammed lil din il-ġabra jfissrilna sewwa kull ma ġa għidna: NITLOB INKANTA. U ladarba, skond it-twissija ta' Sidna, it-talb ma għandu jaqta' qatt, insibu f'din il-ġabra innijiet għaċ-ċikli kollha ta' matul is-sena liturġika, mill-Milied sa l-Għid, bit-tħejjija tagħhom ta' l-Avvent u tar-Randan, saċ-ċiklu twil kollu ta' Għid il-Hamsin, imżewqin b'innijiet lill-Misteri t'Alla u ta' Ġesù, lill-Madonna u lill-Qaddisin, u oħrajn għal ċirkustanzi liturġiċi jew para-liturġiċi oħra.

Bosta minn dawn l-innijiet ġew imfasslin għal melodiji prekostitwiti ta' awturi magħrufin, oħrajn ġew imlibbsa wara b'melodiji minn awturi Maltin; kollha għandhom il-kant tagħhom tassew popolari u tal-widna li għandu jogħġob lil kulħadd għall-ħlewwa tiegħu u ħafif biex jinżamm bl-amment. Inħalli barra apposta li nitkellem fuq il-preġji letterarji tal-versi, għax m'Alla għandha titkellem qabel kollox il-qalb; u tinħass tabilħaqq il-qalb ta' l-Awtur titkellem f'kull wieħed mill-innijiet tiegħu. Ma fhimniex biss jekk il-ħsieb tiegħu kienx li dan il-ktieb jinqdew bih biss in-nies tal-parroċċa tiegħu. Jekk le, ma nafux il-għala l-Awtur, fost l-innijiet lill-Qaddisin, ma ħax is-sabar li jdaħħal ukoll oħrajn lill-Protetturi tal-parroċċi u lill-Qaddisin Fundaturi ta' l-Ordnijiet li wliedhom jaqduh u jgħinuh tassew bil-qalb lill-Awtur fil-ħtiġijiet tal-parroċċa tiegħu kull meta jsejħilhom. Parrokkjaliżmu? Aktarx li le! U bit-tama li dan mhuwiex, jalla l-ktieb jidħol f'bosta parroċċi u knejjes tagħna biex ikollu dak is-suċċess li tixtieqlu l-qalb saċerdotali ta' l-Awtur.

v.v.b.

**"L-GHANJA TA' HAJTI"—Poeżiji ta' Dun Frans Camilleri ('Lux Press', Malta, 1964; pp. 136).**

Ktieb sabiħ tassew! Sabiħ għax jiġbor fih l-aħjar poeżiji li ssajru fil-qalb u fil-moħħ tal-poeta f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena. Sabiħ għax iżżejnu u tagħnih karta tajba u bajda ħalib. Sabiħ għax stampat b'tipi kbar u ċari li jinqraw tajjeb minn kważi qama bogħod. Sabiħ għax l-awtur tiegħu żewqu b'għadd ta' ritratti artistiċi meħudin minnu nnifsu miġjubin fuq karta mielsa mill-ifjen. Sabiħ fl-aħħarnett għax, barra mill-istampa tassew milquta ta' lewn blù karg miksur bi blù bajdani (ritratt hija wkoll ta' medda baħar u blat, art imħattba u sema bi sħab ħafif. meħud mill-poeta-artist) fuq wiċċ il-kopertina, il-ktieb, bil-folji tiegħu meħjuta, jinfetaħ u jżomm miftuħ taħt ħarstek bla tbatija ta' xejn. F'kelma waħda, dan il-ktieb ġdid ta' poeżiji ta' Dun Frans hu, safejn naf jien u safejn għandha x'taqsam is-sengħa tat-titbigħ, jekk mhux l-isbaħ, wieħed mis-sbieħ nett fost kemm kotba ta' poeżiji ġew stampati s'issa hawn Malta. Imbagħad, għal dawk li huma fotografiji, ebda ktieb ieħor ma joqgħod ħdejh. Ngħid għalija, malli rajtu l-ewwel darba, ftaħtu, u bdejt inqallbu, bqajt miblugħ u msaħħar warajh! U tani li nbusu kemm-il darba, bħallikieku minfloku kelli quddiemi lil min kitbu kif ukoll lil min stampah.

Imma, għad li, kif igħidu, l-ewwel ma tiekol l-għajn, dak li jolqot u jpaxxi biss il-għajn mhux kollox jew biżżejjed fi ktieb ta' ġabra ta' poeżiji minn awtur wieħed. Fi ktieb bħal dan, wisq aktar ta' ħtieġa, ta' siwi u ta' interess għall-qarrej huma l-poeżiji nfushom. U, kollox ma' kollox, il-poeżiji ta' Dun Frans f'*L-Għanja ta' Ħajti* ma setgħux ikunu isbaħ, oħla u aħjar. Il-biċċa l-kbira fosthom, biex ma ngħidx kollha kemm huma, ma jonqoshom xejn biex jagħmlu minn dan il-ktieb il-'*magnum opus*' ta' Dun Frans. U tabilħaqq din il-ġabra ta' poeżiji turina lill-poeta f'dik it-taqsima ta' ħajtu letterarja li wieħed jista' jsejħilha t-tokk tal-maturità. Kemm poeżiji oħra jista' jżid jagħtina Dun Frans mill-ħarġa ta' dal-ktieb 'il quddiem ma jinteressaniex. B'hekk ma nifhmux ngħidulu: "Ieqaf! Biżżejjed daqshekk!" Dak li rridu nfissru huwa biss dan: li Dun Frans, bħala poeta, laħaq il-quċċata issa li tana dan il-ktieb; u li qajla jew xejn ma jkun jimporta kieku kellu jibqa' wieqaf, hieni u ferħan b'dan it-*tour de force* tiegħu, fejn hu. Il-maturità fil-kitba mhix dejjem jew tabilfors frott għomor twil. Hekk, ngħidu aħna, għalkemm il-Poeta Nazzjonali Dun Karm għex disgħin sena neqsin ħamest ijiem, l-għanja kbira tiegħu laħqet nixfitlu aktar minn għoxrin sena qabel ma miet, minkejja li hu kiteb l-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti meta kellu wieħed u erbgħin sena. Min-naħa l-oħra, Shelley u Keats mietu żgħażagħ it-tnejn: ta' l-ewwel meta kien jonqsu xi xahar biex jagħlaq it-tletin, u l-ieħor meta bilkemm kien ilu erba' xhur li għalaq ħamsa u għoxrin sena. B'dankollu, Shelley u Keats laħqu wrew maturità f'xogħlijiethom daqskemm wera f'tiegħu William Wordsworth li miet ta' tmenin sena. Il-poeta tagħna, awtur ta' tliet kotba oħra ta' poeżiji—*Moħba tal-Qalb* (1945), *Innijiet* (1948) u *Fil-Ġnejna tat-Tfulija* (1948)—wera l-maturità tiegħu fir-raba' wieħed, *L-Għanja ta' Ħajti* (1964), bil-poeżiji li kiteb mill-1949 'il hawn.

Snin ilu, imma wara li kien laħaq ħareġ l-ewwel tliet kotba tiegħu ta' versi, Dun Frans stqarrli li ma kien biħsiebu jżid jikteb ebda poeżija jekk ma jkollux xi messaġġ x'jagħti lill-qarrejja. U dik il-weghda żammha. Imnebbħin minn messaġġ ta' Ġmiel u ta' Tjubija, il-poeżiji ta' Dun Frans huma wisq drabi skola ħajja ta' mħabba u ta' qima għal xulxin, ta' gratitudni lejn min jagħmlilna l-ġid, ta' tħeġġiġ għal għemejjel tajba u ta' fejda, skola fejn is-surmast jinstama' ta' sikwit ilum u jċanfar u jwiddeb issa lil min safa rsir ta' Mammona u ma jridx jaf bi ħniena, issa

lil min għamel alla lilu nnifsu u lil għajru dubbien, issa lil dak li bi flusu seraq ġieħ dik jew ġieħ l-oħra, u issa lil dawk li ntelqu għal kollox f'idejn id-dinja tal-qerq u tal-pjaċiri, tal-frugħa u tal-bluha, tal-mibegħda u tat-tħarbit. F'kelma waħda, il-poeta-qassis għandu kelma ta' ġid u ta' fejda għal kulħadd; jaf x'inhuma u x'jistgħu jkunu n-nuqqasijiet kollha tal-bniedem, tal-familja u tas-soċjetà; fejn u meta jista', bħat-tabib, issibu dejjem imħejji biex jikkura jew ifejjaq il-mard; bħala konfessur, imqanqal mill-ħasra li jġiblu l-midneb niedem, jidher dejjem imħejji u lest biex jagħder u jaħfer; imma mbagħad, sewwa sew bħal Imgħallmu Sidu u Sidna Ġesù meta kien għadu fostna bil-ġisem fl-aħħar tliet snin tal-ħajja pastorali tiegħu, Dun Frans, aktarx aktar aħrax u qalil bħala poeta milli bħala saċerdot, m'għandux ħlief kliem jaħraq bil-qilla u bil-għadab kontra l-għonja bla qalb u kontra l-Fariżej Maltin ta' żmienna. Lil dawn ma jġerragħhomx.

Għal dawk li Kristu laqqam "oqbra mbajda" u għal dawk li jistagħnew u jfuru bil-ġid għax ikunu għasru demm il-ħaddiem fqir, għal dawn il-qabda lpup u dbejjeb ħorox misturin b'qoxra ta' bniedem, Dun Frans ma jidhirx li għandu ħaġ'oħra ħlief swat u sjuf u xwabel jaqtgħu minn kull naħa. Dan tixhidhulna, fost oħrajn, il-poeżija tiegħu *Il-Midalja* (p. 85), poeżija li fiha ħafna x'tiżen u x'tixtarr, u li turi, fost ħwejjeġ oħra, kemm jingħataw (jekk mhux dejjem, xi drabi) tassew bil-ħaqq jew għax hekk tabilħaqq ikun jixraq jew jistħoqq ċerti midalji *ad honorem*! Igħidilna, imnixxef u bil-jedd kollu skandalizzat, il-poeta:

Fuq sidru mżejjen
tiddi l-midalja mdieħba
li tawh f'isem il-ħniena lejn il-foqra;
u waqt li tiddi, tgħammex
għajnejn in-nies li draw ikunu mqarrqa
mix-xejxi u mit-tlablib.
Imma ġo sidru,
taħt it-tiżjin ta' barra,
hemm il-kruha w id-dlam
ta' qalb mitfija li ma tafx bi ħniena,
qalb li stagħniet bil-flus minn demm il-fqir,
qalb li taf biss din l-għanja:
"Jiena, jiena, jiena."

Imbagħad tarah għaddej, rebbieħ, imkabbar
minn qalb il-folla mqarrqa
b'dik il-midalja mdieħba
li jaħseb qed tpinġih mad-dinja kollha
bħala missier il-fqar.
Imma min jafu sewwa
jara l-viltà u l-gidba tal-midalja,
u 'l min jilbisha jsejjaħ
"missier l-ipokrisija".

Barra mill-kliem iebes u kollu minnu, f'dawn il-versi tbaqbaq ħajja u ħelwa l-poeżija: l-espressjonijiet 'qalb mitfija', 'u waqt li tiddi, tgħammex...', 'il-midalja mdieħba' imtennija bil-għan, u l-allużjoni aktar minn darba għall-folol tan-nies 'li draw ikunu mqarrqa mix-xejxi u mit-tlablib', kif ukoll in-nisġa kollha kemm hi li taha l-poeta, huma kollha xhieda ta' poeżija fl-ogħla tifsira tagħha.

Poeżiji oħra li huma bejn wieħed u ieħor ta' xejra jew qatgħa waħda ma' *Il-Midalja* ma jonqsux. Hekk, ngħidu aħna, fis-sunetti *Mammona* u *Jum l-Aħħar Ħaqq* (p. 26) dan ir-riformatur tas-soċjetà u f'ħin wieħed di-

fensur prim ta' min hu batut, maħqur u mtaħħat inewwel xebgħa kif tmiss il-liġi lil min, agħma għall-Haqq u s-Sewwa, bil-għan waħdieni li jagħmel u jrekken flus kemm jiflaħ, italla' u jgħolli fuq tron ħżunitu s-Serq u l-Moħqrija. Igħid Dun Frans, wieħed mill-akbar poeti tagħna wara Dun Karm, lil Mammona:

Misħut min lilek, fuq il-Haqq u s-Sewwa,
iqimek bla ma jqis serq u moħqrija;
min jagħsar demm il-fqir, min l-hena u l-ħlewwa
jaħsad mill-qlub, għall-flus, ġo dar kennija.

Jiftaħ imbagħad is-sunett l-ieħor b'din il-kwartina:

Tal-biża', tat-twerwir u qilla kbira
ikun il-jum tal-ħaqq. Mifxul u mriegħed,
min għasar demm il-fqir tħammru t-tifkira
u s-saħta f'dak il-għajb ma' ismu mqiegħed.

Realista kemm tridu u f'ħin wieħed saċerdot ħabrieki u mimli ħeġġa fil-qasam pastorali tiegħu, it-twajjeb u ħelu Dun Frans ma jaħmilx il-qerq u jikkundanna bl-akbar ħruxija lil dawk li jibdlu l-liġi ta' l-imħabba f'mandra ta' żina u ta' qżiżijiet:

Jum tat-tkexkix għal min għamel ilsira
ta' ġismu lil mart għajru, għal min wiegħed
ġenna ta' l-art u daħak b'tifla fqira
li ħalla tul is-snin tibki u titnieħed.

Hu u jgħanni dwar l-emanċipazzjoni tan-nisa, il-poeta jibda biex igħid li fl-ewwel żminijiet il-mara fis-soċjetà ma kellha l-ebda jedd u l-ebda setgħa: kienet biss ilsira tar-raġel li fiha "kien jara—ġisem bla qalb u mhux is-sieħba għażiża—li tgħix bl-imħabba tiegħu". Imma fiż-Żminijiet tan-Nofs, iżid igħidilna hu, il-mara "qamet mill-għajb u ċ-ċaħda ta' l-imgħoddi" u ntrefgħet hekk fil-għoli li sfat għar-raġel għajn ta' qima u ġieh u ħajr. Il-lum il-ġurnata, itemm igħid Dun Frans mgħannaq mal-Mużi, dik li darba kienet ilsira tar-raġel għamlet lir-raġel ilsir tagħha.

Għani mhux ftit fil-mergħa wiesgħa tal-għana tiegħu, Dun Frans jobżoq f'wiċċ dik li ħafna jsejħu "Ċiviltà!" Fi kliemu, iċ-Ċiviltà xerrdet id-dawl... imma l-għerf tagħha ħlietu fl-armi qerrieda u fit-tixrid tad-demm: taċ-Ċiviltà m'għandniex ħlief maskra qarrieqa. Jammetti, bħal ma nagħmel jien, li bosta wlied ma jibqgħu jafuhulu xejn lil missierhom, minkejja li dan ikun għasar u qassar ħajtu b'riżqhom (*Hadd Fost Uliedu* p. 78). Iħoss u jħaqqaq li (ma rridx ngħid dejjem) taħt it-tlellix ta' dak li jidher sabiħ u jgħaxxaq quddiem għajnejna aktarx tinħeba ta' sikwit xi xewka tniggeż jew twaġġa' (*Ix-Xewka tas-Sbuħija*, p. 56). U jaqbel li żminijietna għoddhom marru għal kollox il-baħar—addiju Rġulija! addiju Haqq u Sewwa! addiju Xerqa u Ġieħ! (*Tiftaħx, Ward Sabiħ!* p. 54).

Kollox inqaleb: l-Irġulija, is-Sewwa
u l-Ġieħ ħolma ta' dari...
..........................................................
Il-għerf sar bluha u telf ta' żmien il-kotba.

*L-Għanja ta' Hajti* hu l-frott tat-tiġrib li minnu għadda l-poeta. Min-naħa l-oħra huwa minjiera kbira u għanja ta' tagħlim fejjiedi. Fih naraw kemm dan il-poeta jħobb lil Artu, lil Alla l-Imbierek, lill-Verġni Mbierka,

lill-Ilsien Malti, lill-ġenituri tiegħu, lil ħbiebu, lill-ward u 'x-xemx u 'l-baħar, fi ftit kliem lil kulma hu sabiħ, tajjeb jew meħtieġ fil-ħajja. Xempju tassew ta' min ifaħħru għal ħafna u ħafna wlied, Dun Frans m'għandux ħlief kliem mill-egħżeż għal missieru li miet fil-21 ta' Ottubru, 1951:

Missier mill-kbar, safi fil-ħsieb, f'egħmilek
ċanfira għall-ħajja mħassra li qed taqa',
li kienu l-irġiel kollha jixbhu lilek!

Lil ommu, li ma jħobbhiex inqas bis-sħiħ milli ħabb lil missieru kemm dam ħaj u li wara mewtu bierku u immortalizzah f'wieħed minn għadd ta' sunetti mill-iprem, jitlobha ma tibkihx jekk tisma' li xi nies weġġgħulu qalbu jew xi ħbieb sawtuh jew xi wħud saħansitra ħaġġruh; imma jitlobha tibkiħ biss jekk tisma' li minn qalbu għosfrot il-ħniena u sar jaħqar il-fqir, jew li tabba' ġiehu minħabba r-regħba u l-frugħa, jew li (issa li safa tassew magħruf bħala poeta mill-kbar u wieħed mill-aqwa benefatturi tas-soċjetà bil-ħidma u bil-pinna, kif nipproklamah jien u mhux kif iżomm lilu nnifsu hu nnifsu) bdiet titnissel u titrabba fih xi xewqa ta' kobor jew kburija. Xhieda din ta' umiltà li tgħolli lil Dun Frans aktar 'il fuq mill-kwiekeb—il-kwiekeb li fihom il-poeta jsib għaxqa u faraġ u sliem, waqt li

Lilhom hu jisma' f'dak is-skiet mixtieq,
x'ħin jorqdu l-ħsejjes, hawn, fid-dinja tagħna,
idoqqu s-sinfoniji lill-Ħallieq.

Lil art twelidu jistqarrilha:

Le, mhux id-deheb u l-fidda l-għana tiegħek:
ġidek is-sema u l-art, ix-xemx u l-baħar,
Twemminek u l-imħabba ta' l-ulied.

Lil Omm il-Kbir Alla jgħidilha:

Hemm bħal misteru f'dawk għajnek miksura
f'wiċċek sabiħ, mera tal-kobor t'Alla
li ħalqek biex tkun OmmU, u qatt ma ħalla
tebgħa ta' ħtija fik jew tan-natura.

U d-definizzjoni li jagħtina dwar Dak li ħalaq kollox u jista' kollox hija din:

Alla misteru: mill-misteri tiegħU,
mal-ġmiel li ħalaq xerred frak bil-qtajja'
biex nagħrfu ċ-ċokon tagħna u kobor driegħU.

Imma kulma ħaseb, kulma ħass, kulma emmen u kulma ġarrab f'ħajtu l-poeta-qassis qatt ma kien ikun jista' jintradd f'għana sabiħ u ħelu li kieku Dun Frans ma sabx f'Ilsien art twelidu l-aqwa u l-aħjar biċċa għodda għall-qadi tajjeb ta' senegħtu. Mela mhux ta' b'xejn, fil-poeżija tassew sabiħa *Inti Biss...* Dun Frans jiftaħar u jiddaqqaq b'Ilsienu, waqt li jgħannilu:

Int biss twieġeb ħelu,
Ilsien Art twelidi,
għall-ħeġġa li tixgħel lil talbi,
għas-sejħa ta' qalbi

kull meta tfur bl-imħabba u tkun trid tfisser
b'kelma ħanina,
b'kelma għażiża,
dak kollu li nħoss jien u kif nixtiequ
joħroġ mill-kenn ta' mħabbti.

.......................................

Int biss taf tgħaqqadni
ma' Alla l-Imbierek li jħobbni.
U meta nkun waħdi quddiemu,
u nkellmu bik, fis-skiet tal-kamra tiegħi,
inħoss il-kliem għaddej minn qalbi għal Qalbu
bi ħlewwa ta' bla tarf,
bl-ikbar sinċerità.
U ferħ bla qies inġarrab
għax f'dak il-ħin sabiħ jiena nistħajjel
li nisma' Lilu wkoll qed ikellimni
bl-Ilsien ta' Art twelidi.

U hawn, milqutin aħna wkoll minn din il-ħlewwa bla qies, ikollna kontra qalbna ninfirdu mill-ġonna sbieħ u jfuħu tal-poeta Dun Frans, waqt li minn qalbna nħajru u nħeġġu lil kull min għandu għal qalbu s-sabiħ u t-tajjeb jidħol idurhom dawra hu ħalli jkun jista' jara u jagħraf aħjar dak li aħna hawnhekk ma tajniex ħlief ħjiel tiegħu, għalkemm xtaqna u xtaqna ħafna nagħmlu xi ħaġa iżjed minn hekk.

K. VASSALLO.

29-X-1964.

**"IL-BENNEJJA TAL-FOLKLORE MALTI"** ta' G. Cassar Pullicino. Università Rjali ta' Malta, 1964.

Il-folklore hu xjenza u l-istudju tiegħu jħaddem il-moħħ ta' bosta għorrief fil-pajjiżi ċivilizzati. Bħal kull fergħa oħra tax-xjenza l-folklore għandu dawk li jixxiegħlu fih bħala dilettanti imma mbagħad għandu wkoll dawk li jintefgħu għalih bil-ħrara ta' qalbhom u bil-għerf ta' moħħhom kollu u jiddedikaw l-enerġija u d-dehen tagħhom fir-*research* u fl-istudju komparat ta' din ix-xjenza. Għax il-lum sirna nafu li l-istudju tal-folklore għandu l-utilità tiegħu u jista' jisfa' ta' ġid kbir fil-kamp storiku u soċjali tal-pajjiż.

Wieħed jista' jxebbah il-folklore ma' *Janus*, dak alla li kellu żewġt irjus, waħda tħares lura u l-oħra 'l quddiem, għax il-folklore ifakkar dak li għadda biex iservi ta' mera għal dak li ġej. L-istudju folkloristiku jitfa' dawl fuq il-qdumijiet tal-pajjiż u jagħti ħjiel l-aktar siewi fuq l-etnografija tar-razza; u billi l-pajjiż u r-razza huma l-qofol tan-nazzjon, l-istudju folkloristiku jagħti għelm u sura lin-nazzjon u jagħniha b'karatteristika għaliha nnifisha.

L-istudju tal-folklore Malti għadda minn żewġ fażijiet: l-ewwel kien miġbur u miktub, imbagħad studjat. Fost dawk li interessaw ruħhom fih kien hemm dawk li ġabruh minn fomm il-poplu u kitbuh biex ma jintilefx, u kien hemm dawk li stħarrġuh, flewh, laqqgħuh u xebbhuh ma' ġnus u nies barranin. Iż-żewġ sezzjonijiet ta' ħaddiema fil-kamp folkloristiku ħaqqhom ġieħ u tifħir għax it-tnejn swew biex jeżaltaw il-patrimonju folkloristiku tagħna l-Maltin

Dawk li kitbu fuq il-folklore Malti għandhom il-merti tagħhom, imma dawk il-merti ħadd ma sata' jagħrafhom u jqishom daqs l-awtur ta' dan il-ktieb, is-Sur Cassar Pullicino, li l-lum hu magħruf bħala l-aqwa mgħallem tal-folklore u l-awtorità tiegħu bħala folklorista hi rikonoxxuta fl-ambjenti kuturali barranin.

Is-Sur Cassar Pullicino żamm sistema fit-tfassil ta' din il-biċċa xogħol; hu mexa bl-ordni kronoloġiku u kiteb tagħrif interessanti dwar il-ħajja, il-kitba u l-fehma ta' kull wieħed li kiteb dwar il-folklore Malti. Dak li laqatna hu l-fatt li l-awtur ma jagħtix biss ħjiel tal-ħidma tal-folklorist li jitkellem fuqu, iżda janalizza u jagħmel apprezzament tax-xogħol tiegħu u jfisser l-influwenza li kellhom xi ċirkustanzi jew xejriet ta' żmienu biex taw xejra lill-kitba tiegħu. Biex nagħtu eżempju, insemmu lill-Kanonku Agius De Soldanis li, kif kiteb is-Sur C.P., bil-kitba tiegħu "ħallielna mhux biss tifkira, imma dokument ħaj tad-drawwiet, it-twemmin u l-ħajja ta' missirijietna fis-seklu Tmintax".

Dan l-istudju tas-Sur C.P., jinfirex fuq medda ta' madwar erba' sekli għax jibda mill-Kommendatur Abela fis-seklu sittax u jibqa' sejjer sa Dott. A. Cremona fi żmienna, is-seklu għoxrin. Hu ħa titjira fuq il-medda tas-snin u n-nisġa tal-ġrajja mal-ħajja ta' erbatax-il persunaġġ li bil-kitba tagħhom taw statura lill-folklore Malti. X'uħud kitbu dwar l-istorja (Abela, Castagna), oħrajn kellhom f'moħħhom id-didattika (Vassalli, Ferris), kien hemm dawk li għamlu *research* (Magri, Cremona), u magħhom kien hemm ukoll dawk li kellhom xejra letterarja u kitbu biex jagħtu pjaċir lill-qarrejja (Cortis, Farrugia).

Il-kitba ta' dawn l-erbatax-il awtur tħaddan dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ħajja tal-bniedem fis-sens folkloristiku, e.g. it-twelid, il-għarusija u l-mewt tiegħu, ix-xejriet, id-drawwiet, il-fehmiet, il-qwiel u għajdut, ix-xogħol, id-divertiment u l-mistrieħ, l-ikel u l-ilbies. L-awtur b'ħila tal-għaġeb u b'sengħa ta' mgħallem għaraf jislet dawk it-tagħrif u l-irqaqat kollha mill-kitba ta' dawk l-awturi u jdommhom f'sensila ta' fatti li għandhom valur kbir xjentifiku, dokumentarju u letterarju. Ried ikun is-Sur C.P. biex jiġbor u jross fi ktieb ta' mitt paġna s-sustanzi magħsura minn kontribut folkloristiku ta' tant skritturi matul tant żmien.

L-awtur għażel għalihom id-drawwiet u x-xejriet tal-ħajja folkloristika, mill-għana, leġġendi, ħrejjef u praspar tal-qedem u wera s-sehem tagħhom fil-bini tal-patrimonju folkloristiku ta' pajjiżna: l-oriġni u l-iskop huma differenti, hekk, ix-xejriet u d-drawwiet huma r-rifless ta' *stresses* soċjali, filwaqt li l-ħrejjef huma l-espressjoni ta' idejiet jew aspirazzjonijiet personali. F'dan il-ktieb l-awtur jagħmel analisi bir-reqqa, bil-għaqal u bid-dehen ta' dawk li *stresses* u *beliefs*. B'mezz ta' dawk iż-żewġ ferg ħat folkloristiċi missirijietna tal-qedem għarfu "bil-mod il-mod ifasslu għas-soċjetà u jgħaddu 'l ta' warajhom sentimenti morali u tagħlimiet ta' l-akbar għerf u siwi għall-ħajja ta' kulium ta' nieshom".

Meta kiteb dan il-ktieb, l-awtur kellu f'moħħu jsemmi x'uħud mill-Bennejja Tal-Folklore Malti u jitratta fuq ix-xogħlijiet tagħhom biss: għax matul iż-żmien li għexu huma, ħarġu kotba oħrajn miktubin minn ħaddieħor, bħal *"Kalendarju Tal-Bidwi, 1850"* li fih element folkloristiku xejn anqas minn "Dammet Ix-Xhur" ta' Mifsud Bonnici. Barra studjużi u skritturi Maltin kien hemm ukoll oħrajn barranin. L-awtur semma xi studjużi barranin u stħarreġ fil-qosor ix-xogħlijiet tagħhom, imma ma qal xejn dwar il-ħafna skritturi li ġew Malta fil-vjaġġar tagħhom u, fil-kitba li ħallew, messew fatti folkloristiċi ta' pajjiżna. Iżda biex wieħed jikteb u jikkommenta dwar ix-xogħlijiet ta' dawk l-iskritturi kollha jkun jeħtieġlu ktieb kbir: nittamaw li s-Sur Cassar Pullicino għad jidħol ukoll għal din il-biċċa xogħol ta' siwi u ta' tagħlim għall-kbar.

G.

**"IL-ĦABIB DIVIN".** Ħsibijiet għal Irtir Spiritwali. Qlib ta' Patri Val. V. Barbara, O.P.—A.C. Aquilina & Co., Malta, 1964. pp. 253.

Hawn ħafna li jmorru għall-irtir għall-anqas darba fis-sena, u ftit huma dawk li matul ħajjithom ma jagħmlux xi ġranet ta' irtir, għax jiswa ħafna għar-ruħ li kultant tinġabar fiha nnifisha u toqgħod tistħarreġ it-tajjeb u l-ħażin, tirrifletti fuq il-ħajja spiritwali u twieġeb għas-sejħa ta' Min ħalaqha.

Id-djar għall-irtir tant huma popolari u ta' ħtieġa għall-faraġ tan-Nisrani li f'Malta u Għawdex għandna għadd sabiħ tagħhom. Hemm id-Dar ta' San Kalċedonju fil-Furjana, u l-Manresa ta' Għawdex li ilhom imwaqqfin minn żmien il-Kavalieri, u dan l-aħħar inbnew oħrajn kbar u sbieħ, imma għalkemm dawn id-djar jilqgħu eluf ta' fidili Maltin, dawn ma kellhomx ktieb bil-Malti biex jinqdew bih f'dawk il-ġranet ta' ġabra u ta' penitenza. F'dawk il-ftit jiem ir-ruħ Nisranija teħtieġ min ineb-baħha t-triq tas-sewwa, u l-qalb trid turi l-ġibda li tħoss lejn Alla l-Imbierek u trid ukoll tesprimi s-sentimenti ta' fervur u ta' nar ta' mħabba li tħoss tħeġġeġ fiha. Dan il-ktieb jaqdi għal dawn il-ħtiġijiet kollha.

Dan il-ktieb hu mfassal b'manjiera li tmexxi d-devot minn lejlet il-bidu ta' l-irtir sa l-aħħar jum ta' dak iż-żmien għażiż. B'dan il-ktieb, in-Nisrani jista' jimmedita u jpaxxi 'l ruħu dwar massmi ta' qdusija, waħda differenti mill-oħra kuljum, imma kollha flimkien marbutin b'sentiment wieħed, sentiment ta' Imħabba għax kif kiteb tajjeb l-awtur "l-imħabba tħajrek biex issir tixxiebah ma' l-oġġett maħbub", u l-oġġett maħbub hu Ġesù l-Ħanin.

Imma barra fl-irtir, in-Nisrani Malti jista' wkoll jaqra dan il-ktieb bħala għamil ta' devozzjoni u jkunlu ta' profitt u ta' faraġ għal ruħu jekk hu jaqra mqar żewġ paġni kuljum. Dan il-qari ma jħallix lir-ruħ tibred għas-sejħa tas-sewwa għax kif kiteb it-traduttur, Patri Barbara, fid-Daħla "dan il-ktieb huwa tassew ta' Ħabib Divin, għalqa li fiha jinsab ħafna ħaġar prezzjuż li s-Sid heba taħt il-ħamrija mhux għal dawn jew dawk il-bnedmin biss, iżda għal dawk kollha li jinteressaw ruħhom biex jidħlu u jħaffru bis-sabar kollu".

L-awtur oriġinali ta' dan il-ktieb hu l-Patri G. Schrzvers, saċerdot Rendentorista. Patri Valentin Barbara tad-Dumnikani, ittraduċih bil-Malti. Jien ma kellix okkażjoni naqra l-oriġinal, imma din it-traduzzjoni ma nistħajjilx li hi anqas mill-oriġinal. Patri Barbara għandu stil għalih, stil ħafif, ċar u mexxej, imma fil-kitba tiegħu wieħed iħoss lemħa li ddawwal il-moħħ u l-qarrej iġarrab sodisfazzjon li tgħaxxaq il-qalb.

Ftit huma dawk il-kotba ta' devozzjoni li jingħażlu għas-siwi letterarju tagħhom, iżda din il-biċċa xogħol ta' Patri Valentin barra d-devozzjoni li toanqal, tagħti gost lil dawk li jikkoltivaw il-letteratura Maltija, għalhekk nirrikkmandaw mhux biss lid-devoti imma wkoll lill-qarrejja Maltin kollha biex jakkwistaw kopja ta' dan il-ktieb għażiż u sabiħ.

G.

**"IR-RUŻARJU"**—Empire Press, Floriana, 1964.

Waslilna dan il-ktieb ieħor ta' Patri Valentin Barbara. Aħna l-Maltin għandna d-drawwa sabiħa li ngħidu r-Rużarju kuljum, u ma hemmx dehra aktar edifikanti minn dik ta' familja Maltija miġbura filgħaxija tqassat ir-Rużrju qabel l-irqad. Dan il-ktieb fih spjega tal-posti kollha tar-

Rużarju u fih ukoll meditazzjoni fuq kull posta, hekk li l-qarrej ikun jista' mhux biss jirreċta r-Rużarju imma wkoll jifhem u jisseddaq bil-qdusija.

Ir-Rużarju hu l-mezz l-aktar effikaċi ta' talb u qdusija. Il-Knisja Mqaddsa u l-Papiet dejjem irrikkmandawh lill-Fidili u għanewh b'indulġenzi kbar. Biex il-ktieb ikun kompit, l-awtur ġabar fih lista twila ta' l-indulġenzi plenarji u parzjali li wieħed jista' jirbaħ bit-tqassit tar-Rużarju.

G.

**"BARABBAS".** Miġjub fil-Malti minn P. Dijonisju Mintoff, O.F.M. Union Press—Malta, 1964. pp. 92.

Ħafna Maltin ftit ilu kellhom okkażjoni jaraw il-*film* "Barabbas" u naħseb li bosta minnhom xtaqu jaqraw ir-rumanz wara li rawh fil-*film*. Għalhekk din it-traduzzjoni ta' Patri Dijonisju ħarġet tassew f'waqtha u aktarx li nqrat minn għadd kbir ta' nies.

Ir-rumanz kien miktub oriġinarjament minn Par Lagerkvist, Svediż li rebaħ il-Premju Nobel, u bħal opri letterarji Skandinavji kollha, jinħass aktarx tqil minn dawk il-qarrejja li jridu jaqraw ktieb sempliċement biex igħaddu ftit taż-żmien; iżda dwak li jħobbu jaħsbu u jixtarru dak li jaqraw, isibu f'dan ir-rumanz ġmiel, għaxqa u fejda li ma bħalhom.

L-istil tar-rumanz hu riflessiv u spekulativ. L-awtur jislet mill-ġrajja komuni okkażjonijiet biex ifisser il-fehma tiegħu dwar sentimenti reliġjużi, problemi soċjali, tqanqil tar-ruħ, ġibdiet tal-qalb u kapriċċi tad-destin; kollha marbutin b'ħarira ta' loġika u mżejnin b'raġionamenti għaqlin u deskrizzjonijiet sbieħ.

Patri Mintoff issa akkwista prattika u kapaċità biex jittraduċi opri letterarji barranin; iżda din il-biċċa xogħol ma setgħetx ma tiswilux ħafna ħsieb, taħbit u taħbil il-moħħ, għax naħseb li kienet waħda mit-traduzzjonijiet l-aktar diffiċli. Iżda t-traduttur b'għaqal kbir u sengħa ta' min ifaħħarha għaraf jidħol fil-qofol ta' l-opra oriġinali u nduna bl-irqaqat li jagħtu karattru lil dik l-opra, imma fuq kollox hu kellu l-ħila jislet xebh u sura Maltija lil dik l-opra Svediża.

L-istil ta' Patri Dijonisju hu magħruf mill-qarrejja: stil ħafif, ċar, mexxej, b'sura Maltija bla ma hi pedantika. Hu sab il-mezz kif jesprimi bil-Malti dawk il-ħafna riflessjonijiet astratti ta' Lagerkvist u jiktibhom f'għamla li ma ddejjaqx lill-qarrej Malti. Għal dan biss, it-traduttur jistħoqqlu kull tifħir, iżda aħna nifirħulu mhux għal din il-biċċa xogħol biss, imma għax-xogħlijiet l-oħra li kollha flimkien jagħmlu kontribut siewi lil-letteratura tagħna.

G.

**"SILAS MARNER".** Miġjub fil-Malti minn Patri D. Mintoff, O.F.M. Empire Press, Floriana, 1962. pp. 106.

"Silas Marner" hu wieħed mir-rumanzi Ingliżi l-aktar popolari. Miktub b'dak l-istil serju u kontemplattiv, il-ktieb jirrifletti l-aħħar snin ta' l-epoka Vittorjana. Dari dan il-ktieb kien jinqara fl-iskejjel għax fih teżi jew morali tajba ħafna, imma l-lum ma ntesiex u dlonk jinqara bi pjaċir u profitt. In-nisġa tal-ġrajja titwettaq fost in-nies tal-kampanja

fl-Ingilterra u tiddeskrivi l-ħajja ta' l-aqwa persunaġġi f'raħal ċkejken; fih episodji karatteristiċi u oħrajn li għandhom xejra Dickensjana e.g. dik il-festa fid-dar kbira ta' l-*Esquire* tal-post, nhar il-Milied.

Is-siwi tal-ktieb hu d-deskrizzjoni metikuluża ta' nies u drawwiet li wieħed isib tqal wisq biex jaqlibhom f'ilsien ieħor, iżda Patri Dijonisju wera għaqal u dehen u sengħa mhux ordinarji fit-traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti, ta' xeni, sitwazzjonijiet u termini.

Il-ktieb hu mfassal f'għamla Ingliża u kien jitlef mill-interess fost il-qarrejja Maltin kieku ma kienx tradott tajjeb; imma t-traduttur inqeda b'sistema li rnexxiet ħafna biex bla ma jitbiegħed mill-oriġinal jagħti forma li tissodisfa lill-qarrejja Maltin. Ħafna paragrafi jew sentenzi ma setgħux jinqalbu fil-Malti idjomatku, iżda kienu mfissrin tajjeb bl-ilsien tagħna.

'L hinn u 'l hawn wieħed jiltaqa' ma' xi żbalji li qatt ma jonqsu, iżda l-aktar li jolqot lill-qarrej huma l-Kap VII u l-Kap VIII li fil-bidu tagħhom huma ripetizzjoni ta' xulxin għalkemm mhux ripetizzjoni perfetta. Dan aktarx ġej mill-fatt li t-traduttur kellu żewġ manuskritti li tħalltulu flimkien. Mill-bqija ta' min ifaħħar lill-P. Mintoff għal din il-biċċa xogħol li qabad, jiġifieri li jaqleb fil-Malti kotba magħrufin stranieri u hekk jagħti lill-qarrejja Maltin hjiel ta' l-opri barranin. Nittamaw li hu jibqa' sejjer f'din il-ħidma siewja tiegħu u li jkollu suċċess.

G.

——— o ———

## KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA

**IR-RUŻARJU** — Lulju-Settembru, 1964 — Vol. XVI — No. 2.

**IR-RUŻARJU** — Ottubru-Diċembru, 1964 — Vol. XVI — Nos. 3 & 4.

**IR-RUŻARJU** — Jannar-Frar, 1965 — Vol. XVIII — No. 1.

**MA' ĠESÙ FL-AĦĦAR JUM TA' ĦAJTU** — Poema Bijografiku — Manuel Nicholas Borg. Tip — "Borghese" Melbourne, Australia — 1964.

## Library of Congress — Washington D.C., U.S.A.

**KITAB TABIQAT AL-SUFIYYA** — Al-Sulami — 1960.

**PRE-MUGHAL PERSIAN IN HINDUSTANI** — Shams u 'l Ulma Al-Haj.

**ELEMENTARY HEBREW** — E. LeLslie Carlson, A.M.Th.D. — 1956.

**MODERN PERSIAN** — John Mace — 1963.

**MODERN PERSIAN READER.** I Elementary.

**MODERN PERSIAN READER.** II. Intermediate.

**MODERN PERSIAN READER. III. Advanced** — 1964. By M. Farzan, M. Ali Jazayery, Herbert H. Paper, Mark J. Desden.

# WERREJ TAS-SENA 1964


**Abela, Rev. Ġużi**
*Isbaħ Minnha* ... ... ... ... ... ... ... ... facċ. 5
*Riflessjoni* ... ... ... ... ... ... ... ... „ 111
*Nawfraġju* ... ... ... ... ... ... ... ... „ 111

**Agius, Mario**
Salvu Mifsud, ħabib kbir tal-Malti ... ... ... ... ... ... „ 113

**Apap, Kan. M. Anġ.**
*Lill-Mitħna tar-Riħ* ... ... ... ... ... ... ... „ 81

**Aquilina, Pawlu**
*Inti mifdija wkoll* ... ... ... ... ... ... ... „ 115

**Attard Montalto, Giuseppina**
Prexilla ... ... ... ... ... ... ... ... ... „ 36

**Azzopardi, Ġer.**
Carlucciello ... ... ... ... ... ... ... ... „ 79

**Borg, Ġorġ**
*Sena Ġdida* ... ... ... ... ... ... ... ... „ 75

**Borg Pantalleresco, Ġ., P.L.**
*Xewqat* ... ... ... ... ... ... ... ... ... „ 23

**Buttigieg, Anton, B.A., LL.D., M.P.**
*Meta Nqum* ... ... ... ... ... ... ... ... „ 5
*Epigrammi* ... ... ... ... ... ... ... ... „ 115

**Camilleri, Dun Frans**
*Id-Dielja* ... ... ... ... ... ... ... ... ... „ 12
*Allat tal-Ġebel* ... ... ... ... ... ... ... „ 45
*Iżjed mill-Għoli* ... ... ... ... ... ... ... „ 105

**Cardona, Ġużè, B.A. (Hons.)**
*Lill-Prof. Ġużè Galea fostna* ... ... ... ... ... ... „ 112

**Cremona, A., D.Lit.**
Meta l-Mara Tibqa' Tmieri ... ... ... ... ... ... 13, 48
Ma Nimitawx Iżżejjed ... ... ... ... ... ... „ 33
Monumenti f'Ġonna Pubbliċi ... ... ... ... ... „ 97

**Cremona, Patri Ġużeppi, O.F.M.**
*Dehra* ... ... ... ... ... ... ... ... ... „ 44
*Il-Mewt ta' Lakoonte* ... ... ... ... ... ... „ 76

**Degabriele, Rev. Norbert M., O.Carm.**
*Jiena* ... ... ... ... ... ... ... ... ... „ 55

**Dimech Debono, Ġużè**
Mikiel Anton Vassalli ... ... ... ... ... ... „ 77

**Editur**
Akkademja tal-Malti ... ... ... ... ... ... ... „ 3
Ftit tal-Kummenti ... ... ... ... ... ... ... „ 6
Patri Ġ. Meilak, S.J. ... ... ... ... ... ... ... „ 21
L-Indipendenza ... ... ... ... ... ... ... „ 65

**Ellul Galea, Karmenu**
*Bandiera Maltija* ... ... ... ... ... ... ... facċ. 101

**Farrugia, Prof. F., M.D., B.Sc., Ph.C., F.R.I.C.**
*In-Nannu Ġanninu* ... ... ... ... ... ... ... „ 87

**G.Z.A.**
In-Novella ... ... ... ... ... ... ... ... „ 66

**Gulia, Wallace Ph., LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.) D.P.A. (Lond.)**
*Lis-Sur Tonin* ... ... ... ... ... ... ... ... „ 40
Poeta ... ... ... ... ... ... ... ... ... „ 114

**Karm, Dun**
Lista Kronoloġista tal-Poeżiji ta' Dun Karm ... ... ... 24, 59

**Kronos**
Robert Mifsud Bonnici Jagħlaq 80 Sena ... ... ... ... „ 46

**Malila Zarb, A., B.A. (Hons.)**
Rebħa Mistura ... ... ... ... ... ... ... ... „ 9
*Il-Mewt, Mulej!* ... ... ... ... ... ... ... „ 71

**Mejlak, Joe**
*Lil Dun Karm* ... ... ... ... ... ... ... ... „ 18

**Muscat Azzopardi, Comm. Ivo, P.L., O.S.J.**
George Joseph Vella (1884-1962) ... ... ... ... ... „ 41
L-Innu Malti ... ... ... ... ... ... ... ... „ 72

**Reċensjonijiet**
Marzu ... ... ... ... ... ... ... ... ... „ 27
Ġunju ... ... ... ... ... ... ... ... ... „ 60
Settembru ... ... ... ... ... ... ... ... „ 94
Diċembru ... ... ... ... ... ... ... ... „ 118

**Sciberras, Joseph C.**
Karmenu Vassallo fil-Poeżija Reliġjuża ... ... ... ... „ 82

**Stevens, George**
Fejn Waslet il-Letteratura Maltija ... ... ... ... ... „ 19

**Tabone, Prof. A., J.C. et Th. mor. Lect. Glis. Jub.**
Il-Qtil ta' Ferdinandu, l-Arċiduka ta' l-Awstrja ... ... ... „ 108

**Theuma, P.P.**
*Qtigħ il-Qalb* ... ... ... ... ... ... ... ... „ 47
Il-Kaċċatur ... ... ... ... ... ... ... ... „ 106
*Siġra tal-Ħawħ* ... ... ... ... ... ... ... „ 107

**Xerri, Tarcisio L.**
Il-Ħares tad-Dar Tagħna ... ... ... ... ... ... „ 102

**Z.J.G.**
*Hruġ Marzu* ... ... ... ... ... ... ... ... „ 8

**Zammit Mangion, J., B.Educ., B.A. (Hon.)**
Lingwistika ... ... ... ... ... ... ... ... „ 89